20/21 october '01

RITA CAMILLERI

344766.
336~~4~~486
336466.

Monday
Wednesday 12/9
Thursday ~~Today~~

| T E R E Z A |
|---|

KUMMIDJA FI TLITT ATTI

TA'

FRANK GANADO

1 - 32 1st Act
33 - 61 2nd Act
62 - 80 3rd Act

Jiehdu sehem:

L-Imhallef GOVANN DELICATA-GILI Manwel Borcevic
Il-mara tieghu ROSINA Josette Sacco
Is-seftura taghhom JOSETTE Rosette ~~Sacco~~ Said
Missier l-Imhallef ~~NERIK~~ VICTOR Alfred Borg
Is-Signura <u>Tereza Buttigieg</u> —
In-neputija taghha MONICA BRIFFA ~~Corrienne~~ Corienne
In-namrat ta' Monica MICHAEL ATTARD Ivan
It-Tabib CENSU BONANNO Mark Buggia

Fil-Villa tal-Imhallef Delicata-Gili go San Pawl Tat-Targa. Fi zminijietna.

| | | |
|---|---|---|
| Lewwel Att | - | Gurnata xitwija, filghaxija |
| It-Tieni Att | - | Erba gimghat wara |
| It-Tieled Att | - | Bil-lejl, gimgha wara. |

18 Oct DRESS

XENA - Kamra moderna fil-Villa. Fuq ix-xellug hemm bieb li jaghti ghal kamra tal-banju. Hdejn il-bieb hemm libreri ja zghira u quddiema skrivanija. Fil-fond insibu zewg bibien, wiehed max-xellug li jaghti ghal kmamar ta' gewwa u l-iehor mal-lemin li jaghti ghall-intrata, l-kmamar t-isfel u ghal bieb tal gnien. Bejn iz-zewg bibien hemm cumnija. Fuq il-lemin hemm tieqa li taghti ghal barra u mejda. Hemm sufan zghir u zewg pulgruni, siggijiet u xi mobbli zghar ohra. Id-decor tax-xena u l-bzonnijiet mehtiega huma f-idejn il-producer.

Malli jiftah is-siparju nsibu l-Imhallef Govann Delicata-Gili fuq l-iskrivanija jikteb. Jinfetah il-bieb tal-fond fuq il-lemin (B) u titfacca is-seftura Josette. L-Imhallef huwa ragel serju, ta'qaghda dixxiplinari, migbud u minhabba l-professjoni tieghu daqxejn imqit. Josette hija tfajla gustuza, fuq ruha u dejjem lesta biex taqdi lil-kullhadd.

Josette - Skuzani, Sur Imhallef. Is-sinjura qaltli li trid tkellimni.

Govann - Iva, Josette. (Ikomoli jikteb bla ma ihares lejha. Hija tersaq lejn l-iskrivanija filwaqt li jieqaf jikteb u ihares lejha. Ara, Josette. Is-sinjura qaltli li ghamiltilha xi lment.

Josette - U le, sinjur. Kienet haga zghira.

Govann - Haga zghira li kienet qeda ssir ta' spiss.

Josette - U le, sinjur. Ta' spiss le!

Govann - Insomma grat hafna drabi u inti thoss li hemm bzonn li jittiehdu l-passi mehtiega biex din l-affari ma tergax tirrepeti ruha.

Josette - Isma sinjur, jiena ma nixtieqx ingiebu fil-ghawg.

Govann - Mela allura ghandi nifhem li qeda tiehu pjacir b-dan li qed jigri?

Josette - Lanqas xejn sinjur. Ghandu qarsa wahxija li twegga. (Tmiss il-warrani)

Govann - Allura int ma tghidlu xejn?

Josette - Billi nghidlu. Qiesni qed inkellem lil hajt. jew inkella jinfexx jidhaq.

Govann - Imma dawn l-affarijiet kif jaslu biex isiru? Ghandi nispera li minthix taghtih wicc!

Josette - U issa ma tarax, sinjur! Kulltant meta mmur hdejh biex naghtih il-gazzetta, kikkra kafe' jew x'naf jien, iwaqqa xihaga fl-art. Jien minnufih nidbaxxa nerfahhilu u niddobba qarsa liema bhala. Lahhar darba, daqskemm werzaqt, anki l-gardinar gie jara x'gara.

Govann - Fhimt. Issa niehu passi jien. Imma rridek tghidli kemm il-darba jerga jaghmilha. Isma, wara kollox int ukoll ghandek taghmel hiltek biex tevita, mhux hekk?

Josette - B-seba ghajnejn qeda mieghu, sinjur. Ghax tghid ix-xitan mghandux halib ghax isib ix-xoqqa f-moxta!

Govann - Tajjeb. Mur dahhlu hawn halli nkelmu.

Josette - Kollox sewwa, sinjur. Tantx tkun ahrax mieghu. Huwa ragel xwejjah, inkapacitat u x-naf jien. Imbghad qiesu tifel.
(TOHROG. GOVANN IKOMPLI JIKTEB. WARA PAWSA TITFACCA ROSINA, L-MARA TA' GOVANN. DINHA FTIT IZGHAR MINNU U FTIT LI XEJN SEMPLICI, DDUM MA TIFHEM X-INHU GHADDEJ MADWARA, MA TIFHEM F-xejn GHAX MOHHA MHUX SVILUPPAT, IMMA HIJA MARA TAD-DAR LI THOBB KOLLOX U LIL KULLHADD. TIDHOL B-LANDA MDAQSA MIMLIJA FJURI)

Rosina - Qed tahdem, Hanini tieghi - jew inkella inhallik fil-kwiet?

Govann - (JIBQA JIKTEB) Qed nahdem!

Rosina - Mela allura, ruhi qalbi ma nfixklekx!
(FUQ PONOT SUBGHAJHA TMUR TPOGGI L-LANDA FUQ IL-MEJDA HDEJN IT-TIEQA LI FUQA HEMM VAZETT BI FJURI QODMA. TAQBAD IL-FJURI MIL-LANDA BIEX TPOGGIHOM FIL-VASETT U TINTEBAGH LI DAN MIMLI BIL FJURI QODMA. TPOGGI L-FJURI FUQ IL-MEJDA U TOHROG IL-FJURI QODMA MIL VAZETT. WAQT LI QEDA TAGHMEL DAN, TOLQOT IL-LANDA B-MINKBA U DIN TAQA TITGERBEB FLART. GOVANN JINHASAD U HI TIBQA CASSA QIESA STATWA)

Govann - (IHARES LEJHA MXEBBA) Tista tghidli ghaliex qeda taghmel dan l-irvell kollu meta taf li qed nahdem?

Rosina - Jiddispjacini, Govann ruhi, imma lqadt il-landa tal-fjuri u waqghet.

Govann - Sa fejn naf jien kullhadd igorr il-fjuri f-idu - int biss specjali ggorrhom fil-landa.

Rosina - Ghax nigbor fjur fjur minn gol gnien u npoggihom fil-landa biex ma jaqawliex.

Govann - Nghidlek x-nghidlek dejjem ghandek li skuza lesta.
(IKOMPLI JIKTEB. ROSINA TIGBOR IL-landa U TPOGGI L-FJURI QODMA GO FIHA. THARES LEJN GOVANN U TMUR FUQ PONOT SUBGHAJA LEJN IL-BIEB B U TIEQAF DONNHA HASBET F-XIHAGA. TMUR WARA GOVANN BIL MOD U WARA PAWSA SSEJJAHLU)

Rosina - Govann! (DANA JINHASAD B-GHAJTA) Skuzani!

Govann - Illum ghal-qtajja gejja. Xi trid issa?

Rosina - Lil missierek kellimtu?

Govann - Le, ghadni, imma bghadt ghalih biex inkelmu.

Rosina - (INKWETATA) Nahseb li jkun ahjar li jiena ma nkunx prezenti meta tkelmu, ma jidhirlekx?

Govann - Precizament. Taht ic-cirkostanzi l-prezenza tieghek mhix mehtiega.

\- (ROSINA NKWETATA TERSAQ LEJN IL-MEJDA. TAQBAD IL-FJURI LI GIEBET MAGHHA U DDEFFISHOM FIL-VAZETT MINGHAJR MA TIRRANGHOM. TKUN SER TILLARGA META TISMA L-VUCIJIET TA' ~~NERIK~~ VICTOR. U JOSETTE MINN GEWWA. TIEQAF U TICCASSA)

Nerik - U min hu dan li qal hekk?

Josette - Is-sinjur qal hekk, Sur ~~Nerik~~ VITTOR.

Nerik - Sinjur? X'sinjur hu?

Josette - L-Imhallef. MHawnx hliefu.

Nerik - Imhallef ghax jibghat nies il-habz?

Josette - Ejja, ejja, Sur ~~Nerik~~ VICTOR, mhux hekk.

Nerik - Jien nurih li hu mhux xejn. Halli jasal waqtu u nurih jien x'jien. Minn taht idejja jrid ighaddi. Il-quddiem taraw!
(Rosina jaqbada genn. Thares madwara mitlufa u tohrog bil-ghaggla mil-bieb fuq ix-xellug "A". JOSETTE DDAHHAL LIL-NERIK MILBIEB "B" Dan QIEGHED BILQEDA GO WHEELCHAIR. HUWA RAGEL AVANZAT U PARALIZZAT MINN QADDU L-ISFEL. HUWA ZORR U MALAJR JITLEF IT-TEMPRA. LIEBES PULLOVER U BERET U XALL MGHONQU. META JIDHOL FIX-XENA JAGHMILHA TA' RIEQED. JOSETTE TPOGGIH FUQ IX-XELLUG TAL-IMHALLEF IHARES LEJN IL-PUBLIKU. TORBOD IL-BRAKES TAS-SIGGU, TNEHHILU L-BERET U TPOGGIHA F'HOGRU.)

Govann - Grazzi, Josette. Kif niapicca minnu nsejjahlek.

Josette - Kollox sewwa, sinjur. Qiesu tarbija rieqed! (TOHROG)

Govann - Jiena naf li minthix rieqed, papa' u naf ghala qeghed taghmilha ta' rieqed.

VICTOR ~~Nerik~~ - (JIFTAH GHAJNEJH) Eh? Min qalu dan?

Govann - Irrid inkelmek fuq Josette.

VICTOR ~~Nerik~~ - Josette min hi?

Govann - Taf ben tajjeb min hi Josette. (IQUM U JMUR HDEJH) Qaltli li ghandek vizzju mishut - toqrosha!

VICTOR ~~Nerik~~ - Min? Jien?

Govann - Iva int, kollok kemm int. Din il-povra tfajla ma tistghax taghtik darha li ma -

VICTOR ~~Nerik~~ - - jiena ma missejtilhix darha.

Govann - Naf sewwa x'ghamilt u jiena dan ma nippermettihx! Qeghed tifhimni?

VICTOR ~~Nerik~~ - Ma kienx darha, imma kien -

Govann - - ma jimpurtanhix x'kien. Dawn l-affarijiet mghandhomx isiru. Ma jghogbunhix!

VICTOR ~~Nerik~~ - Ma jghogobx lilek?

Govann - Iva, lili, qeghed tifhem - lili!

VICTOR ~~Nerik~~ - Imma jahasra lilek mghamiltlek xejn.

Govann - Naf li lili mghamiltli xejn. Il-pont hu -

VICTOR ~~Nerik~~ - (JINTERROMPIH) - mela allura ghalfejn qeghed taqla dawn il-ftietaq? Jiena dan lahhar ghajnejja marru lura hafna. U meta wiehed ma jarax -

Govann - - hallina minn dan issa u ifhem sewwa dak li ser nghidlek. Kriminalment dan li ghamilt huwa kas car ta' attentat tal-pudur. Jekk dan il-kas jerga isir, ninsa li int missieri! Ma nistghax naghmilha cara aktar minn hekk! (IMUR LEJN IL-BIEB B, JIFTHU U JSEJJAH) Josette! Imbghad, Papa, tigix tghidli li ma gejtx avzat! (IMUR FUQ LI SKRIVANIJA).

VICTOR ~~Nerik~~ - Xghidt li ser taghmel jekk nerga?

Govann - Inti mbghad tara!

VICTOR ~~Nerik~~ - Iva eh? Nixtiq narak tipprova taghmel dak li ghidt halli nurik li int ma int xejn, avolja lhaqt imhallef. Noqtlok bl-inkwiet u negridlek larja kolla li ghandek. (TIDHOL Josette U TMUR FUQ ~~NERIK~~ VICTOR. DAN IKOMPLI JGERGER) qeghed taghmilli hekk ghax qeghed tipprofitta ruhek ghax ma nistghax nuza saqajja, ghax kieku kont naqbdek b'dawn il par idejn u naqsmek fi tnejn.

Govann - Ohorgu barra, Josette.

VICTOR ~~Nerik~~ - Hemm ahna. Ser terghu tqegheduni fil gnien!

Josette - (TMEXXIH LEJN IL-BIEB) Oqod kwiet, Sur Nerik.

VICTOR ~~Nerik~~ - Dejjem fil-gnien! Ghaliex ma nistghax noqod fil-kamra tal-ikel?

Josette - Ghax tisraq kemm ikun hemm frott.

VICTOR ~~Nerik~~ - Mhux veru! Dawk kilithom il-qattusa mhux jien.

Govann - (IGHOLLI LEHNU) Jekk jghogbok, Josette, hudu fil-gnien.

VICTOR ~~Nerik~~ - Dazgur, hekk sewwa. Itfghuni fil-gnien halli niehu cmajra u mmur ghand Alla. (SADATTANT JOSETTE DDAWWAR IS-SIGGU, TIFTAH IL-BIEB U TIGBDU L-BARRA WAQT LI HUWA JKOMPLI JESKLAMA) Toqtluni tridu. Bronkite. Bronkopolmonite u Mike Bongornu. (TAGHLAQ IL-BIEB)

(GOVANN JIFTAH IDEJH U JHARES LEJN IS-SEMA.) (JINFETAH IL-BIEB A U TITFACCA RAS ROSINA. THARES MADWARA MBGHAD LEJN ZEWGA LI DAN REGA BEDA JIKTEB. TIDHOL U TAGHLAQ IL-BIEB BIL-MOD U TIRTGHOD BL-ECCITAMENT LI GHANDHA FUQA)

Rosina - (<u>B-lehen gholi</u>) Kellimtu?

Govann - Iva, kellimtu.

Rosina - U x' qallek?

Govann - Cahad.

Rosina - U int emmintu?

Govann - Ara, Rosina, nitkelmu aktar tard fuq din il-bicca xoghol ghax irrid inlesti din is-sapprenza.

Rosina - Tajjeb. Mela ser inhallik bi kwietek, ruhi qalbi. (TMUR FUQ IL-MEJDA FEJN HALLIET IL FJURI U L-LANDA FUQA. TABBAD IL-FJURI BIEX TPOGGIHOM FIL-LANDA, TOLQOTA U TERGA TMUR FL-ART. GOVANN JERGA JINHASAD U JSABBAT IL PINNA FUQ L-ISKRIVANIJA)

Govann - (IRRABJAT) Ser igghalni mmur nahdem il-Qorti!

Rosina - Imma jahasra ghaliex?

Govann - Ghax hawn bik ma nistghax nikkoncentra. (TINSTAMA IL QAMPIENA TAL BIEB TA' BARRA)

Rosina - Dan min gie issa?

Govann - Gie min gie ser ikomplu jizdiedu il komplikazzjonijiet, u jien daqshekk ghamilt xoghol!

Rosina - Jiddispjacini.

Govann - Nispera il-migja ta' min gie tkun interessanti. Hekk jew hekk dejjem tkun bidla!

Rosina - Nispera li ma regghax gie dak ir-ragel li ghamel zmien jigi f'dawn l-inhawi jistaqsi xi taghrif fuqna. Lili taghni mpressjoni li ser jaghmel xihaga kontra taghna. Tiftakar li kont ghidtlek fuqu.

Govann - Iva, iva, kemm ser iddum tghid fuqu. Issa li hemm hemm.

Rosina - Kien imissek mort l-Ghassa tirrapporta. (TIDHOL JOSETTE MIL-BIEB A)

Josette - Skuzani, sinjur. Giet is-sinjorina Briffa u tixtieq tkelmek.

Rosina - Briffa? Ahna nafu lil xihadd li jgib dan il kunjom?

Govann - Nafu jew ma nafux qeghdha hawn u trid tkellimni.

Rosina - Iva naf, imma ruhi qalbi .....

Govann - Ghidilha tghaddi. (JOSETTE TOHROG)

Rosina - Jiddispjacini li giet dal hin meta inti ghandek x'taghmel.

Govann - Minhix fli stat li nkompli dak li bdejt.

Josette - (TIFTAH IL-BIEB A) Ghaddi, sinjorina.

Monica - Grazzi, (TIDHOL. MONICA TFAJLA HELWA TA' GHOXRIN SENA. HIJA NTRAPREDENTI U SPICCATIVA. JOSETTE TOHROG. GOVANN IPOGGI FUQ L-ISKRIVANIJA . ROSINA TMUR TILQAGHHA)

Rosina - Kif inti, ruhi? Jiena s-sinjura Delicata-Gili. (TOHODILHA BIDEJHA) Poggi bilqeda. Ir-ragel tieghi dalwaqt ikun mieghek. (TINDIKALA SIGGU HDEJN L-ISKRIVANIJA. GOVANN JAGHMEL SINJAL LIL MARTU BIEX TOHROG U DIN DISAPPUNTATA TOHROG)

Govann - Ghidli, Sinjorina Briffa. Fhix nista nservik?

Monica - Xtaqt inkun naf jekk giex xihadd jarak il-lejla.

Govann - Xihadd jarani?

Monica - Mara. Mhix zghira u lanqas kbira hafna, imma taf izzomm ruha tajjeb.

Govann - Ma jidhirliex.

Monica - Serraht mohhi.

Govann - Din il-mara - ghaliex qeghed tistaqsini fuqha?

Monica - Ghax bzajt li tasal hawn qabli.

Govann - Ghandi nifhem li din il-mara gejja hawn, ghandi?

Monica - Wisq nahseb li hekk hu.

Govann - Jaqaw inti tridni naqdiha f'xihaga?

Monica - Ghal kuntrarju marridek taqdiha f'xejn!

Govann - Kif inhi din?

Monica - Nitolbok li jekk tigi, inti ma taghmel xejn minn dak li tkun tridek taghmel.

Govann - Inti x'tahseb li hu dak li tkun tridni naghmel?

Monica - Verament - ma nafx. Inti ghandek tahsel idejk minn kollox - tkun xi tkun.

Govann - Bhal Pilatu fil-kredu. Skuzani, taf, imma jien ghadni ma fhimtx ghal kollox x'inhi din l-istorja. Ghaliex mghandhix nilqa t-talba taghha jekk tigi tarani?

Monica - Jiddispjacini, imma ma nafx nghidlek.

Govann - Mela fejn konna ser nibqghu.

Monica - Hekk nahseb.

Govann - Mela jekk tigi ahjar ma narahix!

Monica - Le, le - taghmilx hekk.

Govann - Ghaliex?

Monica - Ghax mhix haga xierqa.

Govann - Imma skuzi, int ghidtli li mghandhix .....

Monica - ..... marridekx tiksirha jew tohodha bil herra ghax hija mara mill-ahjar. Ittrattaha tajjeb u kun hanin maghha. Dahhala u kellimha u offrilha x'tixrob ghax gejja mil boghod u tkun ghajjiena.

Govann - Mela lewwel ghidtli haga u issa qeghed tghidli ohra.

Monica - Ghandi nwissik li mghandek tixtri xejn minn ghandha, jew tifferma jew tissottoskrivi ghal xihaga - ghal xejn, fhimt!

Govann - Ara, sinjorina - tridx tghidli millewwel min hi din il-mara.

Monica - In-nanna - minn nahha t'ommi.

Govann - X'jisimha?

Monica - Ma nafx.

Govann - Ma tafx lisem ta' nantek?

Monica - Dazgur li nafu, imma .....

Govann - X'jigifiri imma?

Monica - Ma nafx ghax ma taghtikx isimha proprju, u ma nafx x'isem ser taghtik.

Govann - U ghaliex dan?

Monica - Ma nafx nghidlek - imma hekk hu.

Govann - (IMXEBBA) Tigini hawn, sinjorina, u tghidli li nantek gejja tarani. Ser taghtini isem iehor flok isimha - isem fals - u jiena ma ghandi naghti kas ta' xejn li tghidli u ma ghandi naqdiha f'xejn......

Monica - Naf li l-istorja daqxejn imhawda .....

Govann - Imhawda? - hwejjeg tal-imgienen! U jekk nistaqsik tispjega, tghidli li ma tista taghtini ebda raguni. Dawn affarijiet inverosimili!

Monica - Ma nafx ser nibda nghidlek!

Govann - Mela allura ikolli nistaqsiha tghidli hi.

Monica - Ara ma tmurx tghidilha li jiena gejt hawn.

Govann - Ghaliex le?

Monica - Ma nistghax nghid.

Govann - Qeghed tara!

Monica - Mela allura ikolli nghidlek.

Govann - Prosit! Hekk sewwa.

Monica - Mela Terry - dan hu l-isem .....

Govann - ..... in-nanna?

Monica - Iva. Isimha proprju huwa Teresa. Ma tistghax tghid li hija disonesta, ghax teoretikament taf tara ddiferenza bejn it-tjubija u l-hazen, imma xi kultant tidhawwad. Qeghed tifhimni x'irrid nghid?

Govann - Mela le. Xi kultant, mhux ghax trid, tinbaram.

Monica - Precizament. U meta jigrila hekk tisbalja u ssib ruha fil ghawg.

Govann - U nghid jien, xi sbalji taghmel?

Monica - Mhux dejjem xorta - ivarjaw. Billi hija kuraggusa hafna tidhol ghal kollox, basta tkun haga rispettabbli.

Govann - Kif inhi din?

Monica - Insomma, li ssejjah hi rispettabbli. Irrid infisser li teskludi s-serq minn ghand il fqar u r-romol. Trid tkun xi assigurazzjoni jew d-dwana, jew it-taxxa tal gvern - xihaga hekk.

Govann - Jew xihadd li jkollu jzjed minn bizzejjed.

Monica - Iva, hekk hu - ghandha jstinti fini tassew, imma jiena ma naqbilx maghha.

Govann - Almenu kien imissa tipprova tevita.

Monica - Tipprova kieku meta taf li ser tnikkitni. U haga ma taghmilhix jekk taf li jiena ser inkun naf biha. Imma l-ghawg hu (SER TIBDA TIBKI) li xihadd iehor isir jaf u jkolli nghix wahdi ghal xi zmien. (TOHROG IL-MAKTUR)

Govann - Qeghed nifhem.

Monica - Ghalhekk ikolli infittex il-passi taghha. Mhemm hadd li jista jaghmlu dan ghax jiena mghandhix omm u missier, ghax mietu.

Govann - Allura, nghid jien, kif taghmel biex tissorveljaha? Inti tahdem?

Monica - La nista nahdem u lanqas nizzewweg! (TINFEXX TIBKI. GOVANN KOMMOSS IQUM U IMUR HDEJHA)

Govann - Tassew jiddispjacini ghalik.

Monica - Skuzani li qeghed nibki, imma qatt ma kelli c-cans li nghid l-istorja kollha lil xihadd.

Govann - Ghandek ragun imma mghandekx ghalfejn tibki.

Rosina - (TIDHOL MIL BIEB B) Ghadkom ma spiccajtux?

Govann - (IMDEJJAQ LI GIE NTERROT-) Issa dan mhux hafna kliem fil-vojt. Kieku spiccajna ma kienitx tkun ghada hawn.

Rosina - Skuzani taf, imma sar il-hin biex niehdu it-te u zaqqi qeghdha tgorr gmielha.

Govann - Mela mur dur dawra fil-gnien. Ftit arja taghmillek tajjeb.

Rosina - Ideha tajba hafna. Arani sejra. (TOHROG)

Monica - Jiena hsibt li qalbet ghall-ahjar, imma hmistax ilu osservajt li ma kienitx bhas-soltu. Allura ergajt bdejt nghassilha.

Govann - U hsibt tajjeb?

Monica - Dalghodu wara li hadna l-kolazzjon qaltli li ser tmur taghmel gabra ghal Missjoni, imma ghalija ma dehritx li ser taghmel hekk. Mort warajha u rajtha tirkeb il-karozza tal-linja.

Govann - Fejn toqodu?

Monica - Mafsalforn - Ghawdex. Mort malajr lura ddar u ftaht il-kexxun li dejjem izzomm maghluq.

Govann - Sgassajtu?

Monica - Le. Meta kont tifla kienet urietni mifthu b'furficetta. Gol kexxun sibt karta li fuqha kien hemm ismek u l-indirizz tieghek.

Govann - Issoponejt li gejja ghandi u gejt hawn qabilha.

Monica - Daqshekk hu.

Govann - Tajjeb. Mela allura tista thalli kollox f'idejja u tara kif ma jwegga hadd.

Monica - Grazzi hafna.

GOVANN - (IMUR FUQ L-ISKRIVANIJA) Int kif gejt hawn biex wasalt qabilha?

Monica - Giebni habib bil-karozza tieghu.

Govann - Qeghed jistenna barra?

Monica - Nahseb li baqa fil-karozza jistennini.

Govann - Mela mur ghidlu jghaddi u jiehu t-te' maghna.

Monica - (TERSAQ LEJN IL-BIEB) Le, le, grazzi. Ikolli mmur.

Govann - Imma ghaliex?

Monica - Ghax marridx ninqabad hawn, dak kollu.

Govann - Sakemm tasal hawn b'tal linja hemm dewmien gmielu. (JINDIKA T-TIEQA) Minn dik it-tieqa taraha gejja ghax trid tghaddi minn hdejn il-villa tieghi. (IMUR JIFTAH IL-BIEB B U JSIB LIL ROSINA THARES MIT-TOQBA TAS-SERRATURA) Rosina, x'int taghmel?

Rosina - Ridt nara spiccajtx, ghax sibt guvnott hemm barra u stidintu biex jiehu t-te' maghna. Mariedx jigi imma pperswadejtu.

Govann - Tajjeb - imma fejn hu?

Rosina - (JITFACCA MICHAEL) Hawn hu. Qal li jismu Michael Attard.

Govann - Ghaddi, ghaddi, guvnott. (JCHODLU B'IDU) Ghandi pjacir. Mur poggi. Jekk tippermettuli ghandi bzonn nidhol sa gewwa. (JOHROG)

(MICHAEL HUWA GUVNOTT TA' 26 SENA. GUSTUS U INTELLIGENTI U MA JAQTA QALBU MIX-XEJN)

Michael - Marridx niskomodakom.

Rosina - Le, le - mhemmx skomdu. Mur poggi. (TOHROG)

Michael - Din x'hasbitni - xi tifel tal-iskola?

Monica - Ghamlet minn kollox biex laqatek. Tidher li hija qalbiena ma kullhadd.

Michael - Ma missiex tkun qalbiena mieghi meta jien hadtha bil-herra meta riedet iddahhalni hawn bilfors. Imbghad wara kollox min hu dak il mignun li jrid ighaddi is-sibt filghaxija ma mhallef u martu li ghalija tidher smagata.

Monica - Michael, ruhi, inti kont taf li gejjin hawn.

Michael - Imma ma kontx naf li ser nitilfu dan il-hin kollu. Hekk jew hekk issa tard wisq biex naghmlu hag'ohra.

Monica - Mela almenu uri li qeghed tiehu pjacir li gejt mistieden ghat-Te'.

Michael - Jekk ghandi d-difetti kollha tad-dinja minhix faccjol u nies bhal hawn idejquni!

Monica - Nies bhal min?

Michael - Nies li ma jaccettawx li bniedem ighid "LE" u jhalluh bi kwietu.

Monica - Isma daqxejn min qeghed jitkellem!

Michael - X'jigifiri? Xi trid tghid?

Monica - Ara l-lejla, per ezempju - gejna hawn ghax tlabtek jien - u int x'taghmel? Tiggieled mieghi t-triq kollha ghax trid tizzewwigni.

Michael - Skuzi, jiena ma niggielidx. Nipprova nipperswadik biss. Il-glied inhallih ghalik.

Monica - Mhux int tibda! (THARES MIT-TIEQA SPISS)

Michael - Nibda kif?

Monica - Meta tghidli li trid tizzewwigni.

Michael - Imma xhemm hazin b'daqshekk? Meta mara ikollha proposta ghaz-zwieg dan ikun kompliment kbir.

Monica - Lewwel darba hekk tiehdu, imma meta il proposta ssir kontinwament issir haga taddahq. Meta ga ghidtlek li ma nistghax nizzewgek, ghalfejn tkompli tinsisti?

Michael - Ghax dejjem ghidtli li ma tistghax, mhux li ma tridx. Ser iddum thares minn dik ittieqa?

Monica - Xi gmiel ta' gnien ghandhom!

Michael - (IMUR FUQA WAQT LI QEGHED THARES BARRA MIT TIEQA U JPOGGI JDEJH FUQ SPALLEJHA) (BIL HLEWWA) Taf li jekk tghidli "Marridx nizzewgek" nisparixxi bhal-lehha ta' berqa!

Monica - (IDDUR) Billi ma nistghax nizzewgek ma jfissirx li marridx narak aktar. Jiena migbuda lejk - hafna wkoll. Dan ghidtulek.

Michael - Darba meta hadtek ghall-arrieda ghidtli li thobbni. U ghadek thobbni, naf sgur. Mela ghalfejn qeghdha taghmel dan l-ostakoli kollha?

Monica - Dazgur li nhobbok, stupidu l-int. Anki wiehed iblah jista jarah dan - imma ghalissa mhux konvenjenti ghalija li dana nammettih. (THARES MIT-TIEQA)

Michael - Kieku kont naf ghaliex ma kontx nohodha daqshekk bi kbira. Mghandhix xi nuqqas jien, hux?

Monica - Le.

Michael - Jiena b'sahti, nahdem - minhix smagat.

Monica - Alla hares! Mghandekx tahseb dan!

Michael - Mela xi tridni nahseb?

Monica - Ghidtlek u irripetejtu kemm il-darba .....

Michael - (JIMITA L-VUCI TAGHHA) ..... li ma nistghax inhalli n-nanna!

Monica - Hekk hu.

Michael - Imma dawn l-affarijiet bla sens. Ma tghidx li hi marida jew immankata u li ghandek timmantniha. Dik il-mara b'sahhitha daqs gemel.

Monica - Xihadd irid jiehu hsiebha.

Michael - Jekk hemm mara li taf tiehu hsieb lilha nnifisha hija hi. Madankollu tista tigi tghix maghna. Dan ghidtulek kemm il-darba. Lili tghogobni hafna.

Monica - Dan mghandhux x'jaqsam. U barra minn hekk - hemm hag'ohra. Issa forsi taqtaghha!

Michael - Bilfors li hemm hag'ohra. Ili gimgha shiha nghidlek hekk.

Monica - Tistennix li ser nghidlek x'inhi. Jaqbillek taqta qisek minn daqshekk.

Rosina - (TIDHOL MIL-BIEB B LI THALLI MIFTUH GHAX TIDHOL B'GABARRE' BIT-TE' U KAKE) Nehhi dak il-vasett minn fuq il-mejda sur - sur - ga nsejt ismek -

Michael - Michael. (INEHHI L-VAZETT U JPOGGIH FUQ L-ISKRIVANIJA)

Rosina - - iva . Michael - hekk hu. (TPOGGI IL-GABARRE' FUQ IL-MEJDA) Ah! Hekk tajjeb. Inkun irrid spazju biex inferra t-te'. Issa dak fejnhu? Halli nara r-ragel tieghi x'sar minnu. (TOHROG U TGHALAQ IL-BIEB)

Michael - Jiena nahseb li t-tnejn smagati!

(MONICA THARES MIT-TIEQA. MICHAEL IMUR FUQHA, JAQBADHA MINN IDEJHA HDEJN SPALLENHA U JDAWWARHA U JERGA JDAWWARHA BIEX TIGI THARES LEJH.)

Monica - Ghidli haga - x'inti tipprova taghmel?

(MICHAEL JAGHMILLHA SINJAL BIEX TISKOT BILLI JA GHMEL SEBGHU MA HALQU. IHARSU LEJN XULXIN GHAL MUMENT IMBGHAD JITBEWSU. WAQT IL-BEWSA MONICA THARES MINN FUQ SPALLEJN MICHAEL U TIBDA TITHABAT BIEX TIN HALL MIT-TANNIQA)

Hallini! - Hallini!

Michael - X'gara? Xi skuza ohra jaqaw?

Monica - Le. Ikolna mmorru - Ejja malajr! (TIGRI LEJN IL-BIEB A) Isa. Minnufih!

Michael - (MIBLUGH) Imma inti ghidt -

Monica - F'gih Alla, ghamel dak li qeghed nghidlek! Ikolna nohorgu minnufih! (TOHROG MINN A)

Michael - (MIBLUGH) Praspura wara l-ohra u jien dejjem fin-nofs. (JOHROG WARAJHA)

(WARA PAWSA TIDHOL JOSETTE B'ZEWG PLATTI BIS-SANDWICHES U MA SSIB LIL HADD. TPOGGIHOM FUQ IL-MEJDA U TKUN SER TOHROG, IMMA DDUR U BIL-MOD TMUR TIEHU SANDWICH. TKUN SER TIEHU GIDMA META JCEMPEL IL-BIEB TA' BARRA. TPOGGI S-SANDWICH LURA. TOHROG U THALLI L-BIEB MIFTUH. WARA PAWSA JINSTAMA DISKORS MILL-INTRATA.)

Teresa - (MINN GEWWA) Din il-Villa tal-Imhallef Delicata-Gili?

Josette - Iva, sinjura.

Teresa - Mela nixtiq inkellem l-Imhallef.

Josette - (TITFACCA FIL-BIEB BI TERESA WARAJHA) Ghaddi hawn gew, sinjura.

Teresa - Grazzi. (TIDHOL IN XENA. HIJA MARA MDAHHLA FIZ-ZMIEN IMMA BI CERTA ARJA TA' ARISTOKRAZIJA. MARA FUQ TAGHHA, HABRIKA U KAPACI TAQRA HSIEB KULLHADD. HIJA LIEBSA LAHHAR MODA.) Nixtiq nara l-Imhallef mill-aktar fis. Jekk jghogbok, mur ghidlu li qeghdha hawn!

Josette - Ma nafx fejn hu dal mument. Halli mmur infitxu.

Teresa - Tinkwetax ruhek ghax nahseb li dalwaqt jigi biex jiehu t-te'.

Josette - Iva, ghandek ragun. Skuzani. (TOHROG)

(WARA FTIT TIDHOL ROSINA MIL BIEB B U TAHSEB LI MICHAEL U MONICA GHADOM HEMM)

Rosina - Dalwaqt ikun ...... (TILMAGH LIL TERESA U TIEQAF F'SALT.) ..... MA KONTX NAF - li int hawn.

Teresa - (B'DINJITA') Mid-dehra hekk hu!

Rosina - Inti dhalt hawn - mil-bieb?

Teresa - Mela mnejn ridtni nidhol?

Rosina - Ghax jiena ma rajtekx. (MITLUFA THARES MADWARAHA) Imma fejn huma? - emm - emm - kien hawn xihadd iehor hawn?

Teresa - Hadd! *Sa fejn naf jien* *poggi*

Rosina - (TMUR TITTAWWAL MIL-BIEB) Hwejjeg li ma jitwemnhux! (TERSAQ LEJN IS-SUFAN FEJN KIENET POGGIET TERESA META DAHLET U TPOGGI) Kemm hawn nies strambi fid-dinja, hux?

Teresa - Naqbel mieghek!

Rosina - (TFERRA KIKKRA TE') Dan lahhar kien hawn bniedem - ragel - idur ma dawn l-inhawi - ghall-bidu hsibtu li ser ipoggi xi bomba - imbghad beda jistaqsi xi taghrif fuqna - dejjaq il kullhadd bil-mistosijiet li beda jaghmel - u beda ihares - u jhares - lejn il-villa taghna - mank kellu l-kreanza jigi hawn. Mignun - hwejjeg tal-imgienen - tiehu halib?

Teresa - Jekk jghogbok.

Rosina - Fi zmieni n-nies kienu aktar edukati - jiena nahseb -

Teresa - - u tnejn zokkor. xejn

Rosina - Mela le ruhi -(TAGHMEL HALIB U ZOKKOR) Jiena ghandi fehma li dan kollu li qeghed isir illum gej minn dak li naraw fuq it-televisjon u t-talkies. Issa jiena naf - skuzani taf - imma nsejt nistaqsik x'ismek.

Teresa - Is-Sinjura Delicata-Gili.

Rosina - Iva, hekk hu. Mela, kif kont qeghdha nghidlek nafu xi familji - imma skuzi taf - jiena staqsejtek ghall-isem tieghek.

Teresa - Ga ghidtlek. Is-sinjura Delicata-Gili!

Rosina - X'jigifiri?

Teresa - Dak huwa ismi.

Rosina - Jiddispjacini taf - minhix nifhem.

Teresa - Inti tahbad is-sinjura Delicata-Gili, hux hekk?

Rosina - Iva - dazgur.

Teresa - Jiena hekk jisimni wkoll. Semplici hafna. Kuljomi l-istess bhal tieghek.

Rosina - Imma kif jista jkun?

Teresa - Ghaliex le, jekk jien izzewwigt lil wiehed li jgib dak il-kunjom?

Rosina - Iva, iva - qeghed nifhem - imma ahna ma konniex nafu - li - li kien hawn xihadd iehor li jgib - dan il-kunjom! Ahna dejjem hsibna li Govann kien lahhar wiehed - barra minn missieru sintendi.

Teresa - Jimporta tnewwilli dik il-kikkra te'?

Rosina - Mela le. (TQUM) Skuzani taf - imma ma servejtek qabel ghax kont aljenata. (ITTIEHA T-TE' U TOFFRILA SANDWICH)

Teresa - Grazzi.

Rosina - Allura kif tahseb li tigi minnha? Minn xi fergha li ahna ma nafux biha - xi fergha - fejn naf li nqatghu minnha?

Teresa - Jiena minhix fergha jew dak li ghandek go mohhok int. (TIFLI S-SANDWICH)

Rosina - Le? Allura kif tigi minnha - bilfors hemm xi parentela.

Teresa - Jiena nahbad -

Rosina - Le, le - tghidlix - mhux qabel ikun hawn Govann jisimghek - inkella mhux sewwa.

Teresa - Kont ser nghidlek li jiena l-hjar ma nieklux.

Rosina - Ma kontx naf - skuzi. (TOFFRILHA MINN PLATT IEHOR) Mela hu wiehed minn dawn - dawn tal perzut.

Teresa - Grazzi.

Rosina - Aqta kemm ser jiehu pjacir Govann. Hu ghandu l-arblu tar-razza kollha. Jifrah zgur!

Teresa - Nispera li jibqa ferhan!

(JIDHOL GOVANN MINN A. JARA LIL TERESA U MILLEWWEL JINTEBAGH MIN HI)

up

Govann - Ahha! Kif inti sinjura?

Rosina - (B'ENTUSJASMU) Govann qalbi, halli nara taqtax min hi dis-sinjura.

Govann - Rosina ruhi -

Teresa - Ir-ragel tieghek kien qeghed jistennini.

Govann - Skuzi?

Teresa - Ma kienitx hawn in-neputija tieghi? Tassew jilhqilha ghax tkun taf fejn inkun sejra.

Rosina - Mela dik it-tfajla li kienet hawn - (GOVANN ISIKKITHA BILLI JCAQLAQ RASU)

Teresa - (TITBISSEM) Rajtek issikkitha imma ma jimpurtax. Mela ejja nammettu millewwel li kienet hawn, ghax ghalija dan ma jaghmel ebda differenza. Tista sserrah mohhok ghaldaqshekk. (LIL ROSINA) Kienet taf ghax hallejt l-isem u l-indirizz tar-ragel tieghek f'post fejn ma setghetx ma ssibux. (TQUM U TOFFRI IDA LIL GOVANN) Kif inti, Sur Imhallef? Jiena s-sinjura Delicata - Gili!

Govann - X'inhu? (JITBISSEM) Tassew?

Rosina - Issoponejt li ser tistghageb.

Teresa - Qaltlek liema kunjom kelli naghtik?

Govann - Mhux dak li ghidtli.

Teresa - Naturalment in-neputija tafni bhala s-sinjura Buttigieg. Min dejjem hekk tafni. Ili zmien twil li abbandonajt kunjomi proprju - dak ta' Delicata-Gili ghal hafna ragjunijiet.

Govann - (JIKKULJUNAHA) Imma Delicata-Gili huwa l-kunjom tieghek veru, hux hekk?

Teresa - Iva, iva, dazgur.

Govann - (JIDHAK GHAX MA JEMMINHIX) Dasgur! Dasgur!

Rosina - Biex qieghed tihdaq, Govann?

Teresa - Ir-ragel tieghek qeghed jahseb li minhix nghid il-verita', u dana ghax in-neputija tieghi ghada kemm qaltlu li nghandhux jemmen kelma wahda biss minn dak li nghid.

Rosina - Eh, Iva? Ma kontx naf - imma ghaliex jahasra?

Teresa - Huwa jahseb li ghandi f'mohhi xi komplott biex nisirqu. B'hekk qeghed jidhaq ghax minghalih jaf.

Rosina - Imma nghid jien ghaliex Çeghed jahseb hekk?

Teresa - Ghax in-neputija tieghi tkun qaltlu li soltu tieghi naghmilhom dawn l-affarijiet.

Rosina - Tisraq in-nies?

Teresa - Iva.

Govann - Dawn l-allegazzjonijiet tghidhom ta' spiss - lin-nies?

Teresa - Iva - ta' spiss.

Govann - Ma jidhirlekx allura li n-neputija ghandha bzonn min jiehu hsiebha, specalment meta tghid dan il-kliem b'iehor?

Teresa - Verament ma tghidx kliem b'iehor - tberren biss - ghax ghada zghira - mimlija - fejn naf -

Govann - - kolla hrara.

Teresa - Hi dbati hafna biex tizen x'inhu tajjeb u x'inhu hazin. Il-hsieb morali taghha tant hu qalil li kwazi mhux naturali.

Govann - Jew hi onesta zzejjed jew disonesta ghax jaqbilla.

Teresa - Tant hi onesta li tinkweta ruha ghal hadd-

Govann - Ghal min, per ezempju?

Teresa - Ghal dawk li dhobb.

Govann - Bhalek.

Teresa - Ma tistghax taghmel mod iehor. Din hija haga ereditarja. Nantek kellha l-istess difett miskina. Mietet zghira minhabba l-inkwiet.

Rosina - Tassew? Inkwiet ta' min?

Teresa - Tan-nannu.

Rosina - X'arukasa! (TIDHOL JOSETTE MINN A)

Josette - Sinjura, hawn gibtlek il-mishun biex izzied it-Te'.

Rosina - Grazzi Josette. (TFERRA ZEWG KIKKRI TE')

Josette - Indahhlu issa, Sur Imhallef, jew nohodulu barra?

Govann - Hallih ghalissa trid!

Josette - Kif jghogbok. (TOHROG)

Teresa - Jaqaw dan xi kelb?

Rosina - Le. Missier ir-ragel tieghi!

Teresa - Jien tassew inhobbhom il-klieb. Kif inhu?

Rosina - Mghandhix wiehed.

TERESA - Le, le - missier ir-ragel tieghek.

Rosina - Tajjeb hafna grazzi. (TOFFRILHA BICCA KAKE)

Teresa - Ghandi pjacir li huwa tajjeb.

Govann - Kont qeghed nahseb, sinjura, li jekk in-neputja hija daqshekk onesta dejjem tghid is-sewwa.

Teresa - Assolutament.

Govann - Jigifiri mela, dak li qalet fuqek -

Teresa - - huwa veru!

Govann - Hekk hu!

Teresa - Jew inkella KIEN veru sa ftit taz-zmien ilu.

Govann - X'kien gara?

Teresa - Ir-riformajt.

Govann - Kemm ilu dan?

Teresa - Fis-sitta tax-xahar li ghadda biex inkun precisa.

Govann - Milli jidher in-neputija ma tafx b'dan.

Teresa - Taf, taf, mela ma tafx, biss, ma tridx temmen - dak kollu.

Govann - Kien hemm xi drabi ohra fejn int - erm - irriformajt?

Teresa - Marridekx tifhimni hazin. Jiena qatt ma rriformajt qabel. Ghidtilha hekk semplicement biex inserhila mohha.

Govann - Qeghed nifhem.

Rosina - Nghid jien - jew haga jew ohra - ma tistghax taghmilhom it-tnejn!

Teresa - Biex tifhimni, jiena dejjem ridt nirriforma. Filwaqt li hajja kriminali tghogob is-sens ta' avventura ta' persuna, minn nahha l-ohra mhix haga xierqa. Jiena dejjem hekk hassejt.

Govann - Ghamilt paragun tajjeb.

Teresa - Biex nghidlek is-sewwa, dejjem kienet l-intenzjoni tieghi li nirtira meta jasal-l-waqt.

Govann - Meta suppost li jigri dan?

Teresa - Naturalment/meta inhoss li nkun fi zgur li ma nistghax nittardja aktar.

Rosina - Imma, nghid jien, ghax tistenna sa lahhar?

Teresa - Ghax haga, izjed ma thalliha aktar titjieb.

Govann - Jew inkella tinten!

Rosina - X'wahda din!

Govann - Rosina ruhi, mhux ahjar tmur u tohodlu t-te' lil paps'?

Rosina - Iva, qalbi, arani sejra! (TFERRA KIKKRA TE! BICTEJN KAKA F'PLATTINA U TOHROG.)

Govann - Ma nahsibx li gejt hawn illum semplicement biex tghidli li inti r-riformajt.

Teresa - Le. Ridt nghidlek kemm hadt pjacir nisma l'Appell li ghamilt fuq ix-Xandir.

Govann - Tass ew?

Teresa - Hassejt bhal taghfisa go qalbi meta smajtek titkellem fuq l-Inkapacitati.

Govann - Qeghed tara. Nispera li hallejt l-stess impressjoni fuq haddiehor.

Govann - Tghidlix li l-appell tieghi kellu x'jaqsam mar-riforma tieghek.

Teresa - Le. Dik giet wara.

Govann - Mela allura x'gara?

Teresa - Rajt it-tabib tieghi.

Govann - Eh, iva?

Teresa - Dak li qalli nkwetani.

Govann - Mela x'qallek?

(TIDHOL B'HEFFA B'ENTUSJASMU)

Rosina - Ma tlift xejn minn dak li qeghdin tghidu, nispera.

Teresa - Qalli li jiena -

Rosina - - u min hu dak li qallek?

Govann - Rosina, halli s-sinjura tkompli trid!

Tereza - Tista timmagina s-sorprisa li hadt meta sirt naf li kunjomok bhal tieghi.

Govann - Anke jien.

Teresa - Tant impressjonajt ruhi li tlabt lil habib tieghi, li jahbad ukoll it-tabib kuranti tieghi, biex jaghmel ricerka dwarek halli nistabbilixxi min kont sewwa.

Rosina - Mela nahseb li kien dak il-bniedem li kien qeghed idur f'dawn l-inhawi.

Govann - Iva, Rosina, issa nafu b'dan. Kienet is-sinjura li qabditu. Biss xtaqt nghid li dana mhux xoghol ta' tabib u min jaghmel bhalu ma tantx jista jkollu klijentela tajba. Dan gimgha shiha jdur u idejjaq in-nies!

Teresa - Jiddispjacini nghidlek li t-tabib Bonanno mghandhux klijentela. Ismu gie maqtugh mil lista professjonali.

Govann - Ma nistghagibx! (TIDHOL JOSETTE)

Josette - Sur Imhallef, cemplet sinjura u trid tkelmek.

Govann - Min hi?

Josette - Ma nafx ghax ma qaltlix.

Govann - Kemm il-darba ghidtlek li ghandek tistaqsi min hemm? (JOHROG U JOSETTE TOHROG WARAJH)

Rosina - Kikkra te' ohra?

Teresa - Le, grazzi.

Rosina - Inti, nahseb, tiltaqa ma hafna nies interessanti.

Teresa - Iva, hafna.

Rosina - Dan il-habib tieghek - it-tabib ridt nghid - kemm jidher bniedem fabbli!

Teresa - Jaqaw rajtu?

Rosina - Daqqa t'ghajn biss - meta kien qeghed ihares mixxaqq tal persjana. Kellu harsa tassew interessanti. (TERESA TITBISSEM) Ghaliex hasrulu ismu mil lista professjonali?

Teresa - Ghall-imgieba tieghu mhux xierqa ma Nurse Distrettwali.

Rosina - U x'seta ghamel biha?

Teresa - (DHARES LEJHA SORPRIZA) Skuzi?

Rosina - Ghidtlek li ma nistghax nifhem x'wiehed jista jaghmel b'Nurse Distrettwali.

Teresa - Sinjura - jidher bic-car li inti mara verament twajba. Ippermettili li nohodlok b'idejk ghax nistma l-haqq u l-innocenza tieghek bhala l-akbar unur. Infatti bihsiebni nfassal hajti fuqek millum il-quddiem.

JIDHOL GOVANN U JISTGHAGEB JARHOM B'DEJN XULXIN. Teresa iddur fuq Govann)

Mid-dehra ma tantx kellek xi tghidilha!

Govann - Nghid lil min?

Teresa - ~~Ma kienitx~~ mhux in-neputija tieghi li kelmitek? Wasal il-hin li tistaqsi, mhux hekk? (GOVANN IKUN SER JIRRISPONDIHA IMMA IMUR IPOGGI FUQ L-ISKRIVANIJA) Tibqa tindaga sakemm tiskopri!

Rosina - Xi trid tiskopri?

Teresa - Dak li ghandi f'mohhi li bihsiebni naghmel!

Govann - (IMDEJJAQ) Mela trid, jekk jghogbok taghmilli pjacir kbir u tghidli bi kliem car ghalfejn gejt hawn!

Teresa - La inti tlift il-pacenzja, nghidlek. (TABAD IL-BORSA U DHARES GO FIHA) Gejt hawn il-lejla biex nghidlek - (TITTAWWAL FIL-BORSA)

Govann - (FUQ IX-XWIEG) Iva?

Teresa - - li missierek -

Govann - Iva?

Teresa - - jahbad ir-ragel tieghi.

Govann - X'inhu?

Rosina - Missier Govann?

Govann - (JITLAWLU) Eh le! Issa le! Dan izzejjed!

Teresa - Il-fatti ma jista jmerihom hadd. (TOHROG XI KARTI MIL BORSA) Hawn ghandi -

Govann - Qabel tkompli tinsiex li jiena kont ga avzat x'int kapaci taghmel. U ghaldaqshekk minhix interessat assolutament b'dawk li hrigt mil borza. Naf ben tajjeb -

Rosina - Ghandi nifhem li inti omm Govann?

Govann - Tkunx stupida, Rosina ruhi!

Teresa - Minhix nghid li jiena omm ir-ragel tieghek.

Rosina - Bilfors li int, jekk inti l-mara ta'missieru.

Teresa - Mhux necessarjament.

Govann - Seta zzewweg darbtejn.

Rosina - Imma dan mghamlux, hux hekk!

Govann - Dazgur li le!

Rosina - Kieku zzewweg darbtejn kien qalilna.

Teresa - Kieku qalilkhom kont tassew nibqa mistghagba.

Rosina - Imma ghaliex?

Govann - U taghtix kasa!

Teresa - (TURIHOM RITRATT) Dana hadnih meta konnha fil-Honeymoon.

Rosina - Xi Hlew! (GOVANN IMUR JITTAWWAL MINN WARA Teresa)

Teresa - Hawn kelli sbatax il-sena.

Rosina - Iva tidher li zghira - u tingharaf!

Teresa - Nahseb li jekk tpingilu par mustacci w xxejhu -

Rosina - Mustacci?

Govann - Qeghed tghid ghal missieri.

Rosina - Fir-ritratt mghandhux mustacci.

Photo
Newspaper
Birth certificate
Licence
Passport
Identity card

Govann - Imma llum ghandu - dak il-pont.

Rosina - Eh, iva - issa qeghed nifhem - hu kollu kemm hu!

Teresa - Inti taqbel, Sur Imhallef?

Govann - Jista jkun missieri. B'daqshekk m'inti tipprova xejn. Jista jkun li dak iz-zmien kont tafu. Mghandi l-ebda dubju ta dan - ghax kien jaf hafna nisa f'hajtu.

Teresa - Hawn ghandi qatghat mill-Malta Chronicle.

Rosina - (TOHODHOM U TAQRA) Zwiegijiet.

Teresa - Hares lejn l-avviz markat blahmar.

Rosina - (TAQRA) Delicata-Gili -- Buttigieg. (GOVANN IHARES MINN WARA ROSINA) Fit-tnejn u ghoxrin tal-Lulju, fil-kniesja ta' Santa Maria, Victorja, Ghawdex -- Victor Delicata-Gili lil Teresa -

Govann - (JOHDILHA L-AVVIZ) Halli nara ftit. Issa qeghed nifhem x'inhi il-loghba tieghek. Dana kas car ta' kumbinazzjoni, xejn izjed.

Teresa - Kumbinazzjoni?

Govann - Mela. Illum ghandnha hafna kasi fejn iegiel ghandhom l-istess isem u kunjom u nisa wkoll. Issa inti trid tallega li Victor Delicata-Gili huwa missieri u Teresa Buttigieg huwa int. U hallini minnek trid. F'dan il-kas trid provi li qadd ma jista jgarrafhom.

Teresa - (TOHROG CERTIFIKAT) Hawn ghandi certifikat tieghi tat-twelid. (GOVANN JAGHTIH DAQQA TGHIN)

Govann - Kif nafu li dan huwa tieghek?

Teresa - Hawn ghandi licenza tas-sewqan tal-Pulizija bir-ritratt tieghi. Jekk dhares lejh sewwa mghandhix dubju li ma tarafnhix.

Govann - Hwejjeg bhal dawn jistghu jigu falsifikati. Kelna kas recentement.

Teresa - Hawn ghandi l-passaport u l-karta tal-Identita'. Dawn jistghu jigu falsifikati wkoll? U flahharnett ghandi c-certifikat taz-zwieg! (TOFFRIHOMLU BIEX JARHOM)

Govann - Jiena ser inwaqqaf dawn il-hafna nsinwazzjonijiet darba ghal dejjem! (JOHROG)

Teresa - Hawn ghandi xi ritratti meta konnha fil-Honeymoon.

Go after G?!

Regina - (TARHOM) Hawn fejn qeghdin?

Teresa - Go Sqallija.

Regina - Ahna konnha morna Nizza. Ghogbitkom Sqallija?

Teresa - Iz-zmien li ghaddejna Sqallija kien l-uniku perjodu ta' hena li kelna fiz-zwieg taghna.

Regina - Domtu hemm?

Teresa - Mil-gimgha sat-tnejn.

Regina - Daqshekk biss? Ahna domna xhar.

Teresa - Konnha fil-genna tal-art. Imma meta gejna lura kollox beda sejjer ghal ghar. Hu kien kollu glied u kwistjonijiet!

Regina - Daqshekk malajr?

Teresa - Mela. U meta, wara tlitt xhur sibt li ser ikolli t-tfal - telaqni u ma rajtux aktar b'ghinejja minn dak iz-zmien.

Regina - Forsi ma kienx ihobb it-tfal u tgerrex!

Teresa - Jiena kont daqxejn ta' tifla wkoll imma minni ma tgerrix. (TPOGGI R-RITRATTI FIL-BORSA)

Regina - Tifel jew tifla?

Teresa - Tifla. U lilu, Alla jahfrilha kienet tigbah.

Regina - Mietet?

Teresa - Iva. Kellha hamsa u tletin sena.

Regina - X'gharukaza hux?

Teresa - In-neputija li giet hawn illum kienet it-tifla taghha - ockejkna Monica.

Regina - Eh, iva - dik li kienet hawn u ghosfrot!

Teresa - Tifla helwa u ghaqlija. Issa kibret u ghandha hajjitha quddiema.

(JIDHOL GOVANN JIMBUTTA L-VICTOR. JIEQAF F'SALT U VICTOR KWAZI JKUN SER JAQA MIS-SIGGU)

Victor - Ghidli haga x'int tipprova taghmel?

Govann - (IDAWRU BIEX JIGI WICC INBWICC MA TERESA) Issa - tkellem!

Victor - L'imgienen mhux kolla l-manikomju qeghdin.

Regina - Paph - qeghed tarafa dis-sinjura?

Victor - Kien imissu jisthi! - jimbuttani b'dak il-mod. Kien kwazi qalibni missiggu.
(JINDUNA LI KULLHADD QEGHED IHARES LEJH)
X'gara?

Teresa - Ghaziz tieghi, Victor!

Victor - (JINHASAD) Eh? X'inhu? (TERESA TMUR HDEJH)
Din min hi?

Teresa - Possibbli, Victor, li ma gharaftnhix?

Victor - Ghalfejn qeghdha ticcassa lejja?

Rosina - Dbiddel hafna?

Teresa - U kif! Qeghdha nistghageb kif niedem jista jinbidel daqshekk f'erbghin sena. Tahseb li johodni hazin jekk inkelmu?

Victor - (JIMITAHA) X'jigifiri 'Tahseb li johodni hazin jekk inkelmu? Tahseb li jien xi imbecilli?

Teresa - Jisma tajjeb ukoll!

Rosina - Ma jismax meta ma jridx!

Teresa - Imbidel imma baqa b'sahtu - bravu - prosit!

Victor - Tistghu tghiduli x'inhu qeghed isir? Din il ma nafx xhix min tahseb li hi?

Teresa - Eh, iva? Mela lili ma tafnhix, hux hekk?

Victor - Ghaliex ghandi nkun naf min int?

Teresa - Izzewwigtni darba!

Victor - Min?

Teresa - Int - kollok kemm int.

Victor - Jien izzewwigtek? Din ahjar!

Teresa - Jien ser infakkrek, ghaziz tieghi. Int izzewwigtni mbghad tlaqtni, bit tifla li kienet ghada ma twilditx. Dan ma tiftakrux?

Victor - Le.

Teresa - Tajjeb. Ma ppretendejtx li ser tiftakar.

Govann - Imma jiena IRRIDU jiftakar!

Rosina - Ma tantx damu wisq. Mil gimgha sat -

Govann - Iskot Rosina! Jiena Sinjura, ma nistghax nemmen kif bniedem ikun mizzewweg lilek u xjah kemm xjah ma jistghax jiftakar dan il-fatt!

Teresa - Jiena nghidlek li mhux qeghed ighid il-verita'.

Govann - Ara, Papa', ismaghni. Din l-affari serja u marridx nisma gideb, fhimt! Inti zgur?

Victor - Fughix?

Govann - Li din is-sinjura ma tafhix?

Victor - Ma nafx fughix qeghdha titkellem.

Teresa - Hares lejja, Victor.

Govann - (INKORLAT) Hares lejha qaltlek!

Victor - Jiena ga harist lejha!

Govann - Mela erga hares. (VICTOR IHARES BL-IKRAH) Issa wiegeb sewwa. Qatt rajtha qabel?

Victor - Qatt ma rajt bniedma bhala . Lanqas li kienet gejja mill-abbissi tal-infern!

Rosina - Papa' !

Govann - Qeghed tara. Ma jidhirx li qeghed jigdeb!

Teresa - Fuq il-pexxun ta' siequ l-leminija ghandu ghatsa.

Rosina - Dana vera Govann?

Govann - Ma nafx, Rosina - qatt ma haristlu lejn il-pexxun. U kieku hemm, b'daqshekk x'ser tipprova.

Teresa - Hija prova li hu jafni sewwa!

Rosina - Mela ahjar naraw ghandux.

Victor - (Imbezza) Eh?

Govann - Tajjeb, halli nara. (INEHHILU L-KUTRA MINN FUQ SAQAJH)

Victor - Ara tmissni taf!

Govann - Iskot qeghed nghidlek! (JIBDA JIKXIFLU L-PEXXUN)

Victor - Itlaqni. Din vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem! (JIBDA JISSARA IMMA GOVANN JIRNEXXILU JIKXIFLU L-PEXXUN. ROSINA DDUR MINN NAHHA GHALL-OHRA WAQT LI QEGHED ISIR DAN)

Rosina - Iva. Hemm hi. Qeghed taraha?

Govann - Iva, qeghed naraha.

Victor - Eliema dritt tnezzani quddiem kullhadd? Din tissejjah vjolazzjoni ta' proprjeta' privata!

Rosina - Kellha ragun, Govann.

Teresa - Barra minn hekk ghandu gergha fuq rasu u ohra fuq mohhu. Dawn saru meta ftit wara

li zzewwigna ghax merejtu, beda jsawwatni u tajtu daqtejn ta' xatba.

Rosina - Ahjar naraw. (TMUR FUQ VICTOR U TNEHHILU L-BERET U FLIMKIEN MA GOVANN IFITXU L-GERHAT)

Victor - (JESPLODI) X'fadal issa? Tnezzghuni gharwin? Inhallaskom! Tara inhallaskomx!

Rosina - Iva, ara - hawn u hawn.

Govann - B'daqshekk? Hawn bosta nies li ghanhom il-gerhat f'rashom.

Teresa - Imma mhux f'linja wahda.

Govann - Tajjeb. Ejja naqtawha. Jekk ahna naccettaw l-allegazzjoni tieghek li kontu tafu lil xulxin, dana ma jipprovax li huwa zewgek.

Rosina - Govann, qalbi, inti ma staqsejtux jekk huwa izzewwigix.

Govann - Jekk huwa lanqas gharafa kif tridu jiftakar jekk izzewwigix!

Rosina - Forsi jiftakar jekk izzewwigx il-haddiehor.

Govann - Tajjeb. Staqsih.

Rosina - Papa'. Izzewwigt lil haddiehor jew le?

Victor - Haddiehor?

Rosina - Ridt nghid - barra l-mama'.

Victor - Ghiduli haga - kemm il-mara hemm?

Rosina - Barra mil Mama' le, hux hekk?

Victor - Iva.

Govann - Meta ghidt "Iva" ridt tfisser "IVA ZZEWWIGT" jew "iva mazzewwigtx".

Victor - Iva - izzewwigt.

Govann - X'inhu?

Victor - Izzewwigt lil haddiehor ghidtlek. (KULLHADD MOMENTARJAMENT JISSERJA. ROSINA SORPRESA, GOVANN IMDEJJAQ U TERESA QIESA STATWA. VICTOR IHARES LEJHOM BI TBISSIMA U JESKLAMA) Ghidtilkom li nhallaskom. Dak id-dbabis kollu.

Govann - Jekk inti qeghed tilghaba ta' gharef -

Victor - Minhix. Ghidtlek il-verita'. Mhux hekk ridt, il-verita'?

Govann - Tajjeb. X'jisinha dis-Sinjura?

Victor - Teresa Buttigieg. Hekk kien jisimgha.

Rosina - U zzewwigtha?

Victor - Izzewwigtha f'Ghawdek. Kienet tfajla babaw - bosta u bosta ahjar minn ommok.

Teresa - Issa trid tarah dan ic-certifikat taz-zwieg? (GOVANN MIBLUGH JIEHDU U JIFLIH) Hares lejn id-data, jekk jghogbok.

Gorann - (Mitluf jinxehet fuq is-sufan) Dinha sitwaz-zjoni tal-biza'!

Victor - Qeghed niehu pjacir narak tinkweta ruhek'.

Rosina - Kienet tkun sitwazzjoni tal-biza kieku ommok kienet ghada hajja. Minn nahha l-ohra hija haga sewwa li jkollu mara. Forsi issa jibda jiehu nteress -

Gorann - (IQUM) - imma kemm tiflah tkun stupida'. Minthix tifhem il-konsegwenzi li hemm f'din it-tahwida'.

Teresa - Halli nfehma jien trid?

Gorann - Grazzi. (IPOGGI FUQ L-ISKRIVANIJA KONFUS)

Teresa - Ejja poggi ftit hdejja. (ROSINA TPOGGI) L-aktar haga mportanti taf x'inhi - li dan kollu gara qabel ma twieled ir-ragel tieghek.

Rosina - Kif? Kif inhi din?

Teresa - Jigifiri meta Victor izzewweg l-omm tal-ragel tieghek - kien digja mizzewweg lili.

Rosina - Imma din il-haga mhix permessibbli.

Gorann - Dazgur li mhux permessibbli - u min jaghmila jmur il-habs.

Rosina - Il-habs'! X'wahda din'!

Victor - Iva? Issa tridu titfghuni l-habs?

Rosina - U le, jahasra hennu ghalih'!

Victor - Fallibom'! Jien x'jimpurtani.

Teresa - Ghalih jitfawh il-habs jew le mihix ser taghmel ebda differena.

Rosina - Le? Ghaliex?

Teresa - Ghaliex l-inkwiet sêrju li qeghed jifni lil ragel tieghek dal-mument huwa, li minhabba dan iz-zwieg zieni, jinsab illegittimu'.

Victor - (B'DAHQA) Kollu kemm hu'!

Rosina - (MIBLUGHA) Illegitmu?

Teresa - Jiddispjacini.

Rosina - Govann qalbi, smajtha x'qalet?

Victor - Govann huwa l-frott ta' bigamija!

Rosina - Imma dina assurda - Govann illum imhallef!

Govann - B'dana kollu jekk dak li qeghdha tallega din is-sinjura jigi pprovat veru, bhalma qeghed jidher -

Victor - Dazgur li veru! Int baghal! (JIDHAQ)

Rosina - Papa'!

Victor - Issa forsi jnehhi l-arji li ghandu!

Govann - Ohorgu l-barra, Rosina.

Rosina - Iva - ahjar! (TMUR FUQU)

Victor - Wasalna fejn kenna naslu!(IKOMPLI JGORR SAKEMM ROSINA TOHORGU) Hekk sewwa! Malli nibda niehu pjacir nigi mkecci! Ma harigx jixbah lili ghalhekk sar imhallef! (TOHORGU)

Govann - Allura Sinjura - xi trid issa minn ghandi?

Teresa - X'jigifiri x'irrid?

Govann - Ma gejtx hawn biex taqla din l-istorja.

Teresa - Nispera li minthix tahseb li gejt hawn biex naghmel rikatt.

Govann - Eh, le?

Teresa - Persuna tal-qaghda tieghi mhix kapaci taghmel rikatt.

Govann - Mela x'inhu li skop ta' dan kollu? Kellek bzonn taqla dan il-hama kollu?

Teresa - Ma stajtx naghmel iehor. Irriformajt, u minhabba f'hekk ma nistghax nimmantni ruhi.

Govann - Ghandi nifhem li trid li haddiehor jipprovdi ghalik?

Teresa - Naturalment.

Govann - (SARCASTIKAMENT) U dan ma jssejjhlux rikatt!

Teresa - Jiena qeghed infittex biss l-ghinuna u mantniment tar-ragel tieghi kif jisthoqli skond il-ligi.

Govann - Inti tippretendi li missieri ser izommok?

Teresa - Nippretendi almenu li jipprovdini b'dar.

Govann - Imma huwa mghandhux dar.

Govann - Huwa mghandux dar.

Teresa - Milli jidher ghandu post komdu hafna.

Govann - Hawn mhux tieghu. Hawn jghix biss u xejn aktar.

Teresa - Dak li hu tajjeb ghal wiehed ghandu jkun tajjeb ghal wahda. (TIDHOL ROSINA)

Rosina - Poggejtu f'postu.

Govann - Jaqaw qeghdha tipproponi li tigi tghix hawn?

Teresa - Nahseb li hija soluzzjoni cara.

Rosina - Hawn ghandna spazju kemm trid.

Govann - Rosina!!

Teresa - Ghaliha haga naturali, mhux hekk?

Govann - Ghalik kollox naturali.

Teresa - Ommok mhux hawn kienet toqod?

Govann - Dan x'ghandu x'jaqsam?

Teresa - Jiena ma nistghax nifmek. X'tort ghandi jekk missierek telaqni?

Govann - Jiena mghandhix tort anqas.

Teresa - Ghandek ragjun. Kieku ma telaqnhix stajt kont ommok jien.

Rosina - Iva hekk hu.

Govann - Dan hafna kliem zejjed. Ser tispicca tghid li kien imissni kont in-nannu tan-neputija tieghek ukoll!

Rosina - X'inti tghid, Govann?

Teresa - Stajt kont iz-ziju taghha.

Govann - X'fadal li nkun?

Teresa - Jiena certa li minthix minghajr responsabbilta' fejn tidhol hi.

Govann - B'dan trid tfisser li trid iggiba hawn ukoll

Teresa - Minthix tippretendi li ser inhalliha wehidha tfajla bhal dik!

Govann - Jekk nghidlek li minhix dispost li naghmel hekk x'bihsebek taghmel?

Teresa - Ghal-migja ta' Monica?

Govann - Ghal migja tat-tnejn!

Govann - U dan massejj[illegible] ----

Teresa - Rikatt le, imma dritt sagrosant.

Rosina - Ikollok tmur quddiem imhallef iehor.

Govann - Jekk tigi tghammar hawn, kullhadd ser ikun jaf. Kullhadd kien jaf l-ommi u kullhadd kien jafa bhala l-mara ta' missieri.

Teresa - Jiena rrid li kollox jibqa kif inhu u ma jinkixef xejn. Jien ippreparata li nkun semplicement maghrufa bhala habiba antika tal-familja.

Govann - Minhix ser nirringrazzjak ta' dan issuggeriment.

Rosina - Habiba antika tal-familja bl-istess kunjom. Kemm hi jdeha tajba.

Teresa - Le , mhux bl-istess kunjom. Jiena maghrufa bhala s-sinjura Buttigieg. Anki n-neputija tafni b'dan il-kunjom.

Rosina - Mela habat tajjeb meta nkunu qeghdin nitkelmu ma xulxin, quddiem in-nies.

Teresa - Sewwa wisq. Mela ftehemna! (TLESTI BIEX TMUR)

Govann - Sinjura, inti ghidtli li rriformajt. Nitolbok bi hniena li tikkonsidra l-posizzjoni tieghi, ghaliex jien ma haqqnhix dan. Ma jidhirlix li huwa xieraq li ghandi nbghati ghax missieri ghog bu jizloq.

Teresa - Almenu hadt xihaga miz-zelqa ta' missierek.

Govann - X'jigifiri?

Teresa - Ma twielidx?

Rosina - Twieled innocenti u ghadu!

Teresa - Perswaza! (DHARES LEJN L-ALOGG F'IDA) X'wahda din kemm sar hin. Irrid nilhaq il-vapur ta' Ghawdek.

Rosina - Meta bihsiebek tigi maghna?

Teresa - Ahna bejnietna mghandnhix rabta, hux hekk?

Rosina - Hekk sewwa.

Teresa - Nigu - ghada? lejn Manwel

Rosina - Il-Hadd hija gurnata li l-aktar ikolna x'naghmlu.

Teresa - Dazgur, dazgur - mela nigu nhar it-tnejn. (TMUR LEJN IL-BIEB U DHARES LEJN GOVANN LI QEGHED JAGHTI DARU U TMUR TPOGGI IDA FUQ SPALTU) Minthix ser dbati, oqod mohhok mistrih. It-tnejn kemm ahna nkunu ta' ghajnuna fid-dar, u jiena inkun nista nghinek

Rosina - Ghandek sentimenti tassew sbih!

Teresa - Mela jiena sejra. Nirringrazzjakom it-tnejn li kollox spicca b'wicc il-gid.

Govann - Iz-zmien jaghtina parir.

Teresa - (TMUR LEJN IL-BIEB U TIEQAF F'SALT) Kont ser ninsih. (TOHROG PORTAFOL MIL BORSA U TAGHTIH LIL ROSINA) HA. Zommu int u ahfruli.

Rosina - Hawn x'tajtni?

Teresa - Ma tantx hija haga hafifa li tikser il-vizju li tkun drajt bih. Dak il-portafol ta' zewgek! (TOHROG MALAJR. ROSINA DHARES LEJN IL-PORTAFOL U GOVANN JIBQA SKANTAT FIL WAQT LI TINGHALAQ IL-PURTIRA)

<u>TMIEM LEWWEL ATT</u>

Bag
Raincoat
Umbrella
tissue in pocket

# I T - T I E N I  A T T

XENA. L-ISTESS TA' LEWWEL ATT, ERBA GIMGHAT WARA.

KIF JIFTAH IS-SIPARJU NSIBU LIL VICTOR BILQEDA FIL WHEELCHAIR IHARES LEJN RIVISTA STAMPATA BIL KULUR LI FIHA RITRATTI TA' NISA. JINFETAH IL-BIEB U TIDHOL MONICA U SAKEMM TAGHLAQ IL-BIEB, VICTOR JAHBI R-RIVISTA TAHT IL-KUTRA U TAPARSI RIEQED. MONICA DHARES MAL-KAMRA, TITTAWWAL MIT-TIEQA U TMUR FUQ VICTOR)

Monica - Nannu! (Victor ma jiccaqlaqx. Tmissu.) Sur Victor.

Victor - (JIFTAH GHAJNEJH) Ghalfejn qajjimtni?

Monica - Taf fejn hi s-sinjurs Buttigieg?

Victor - Min?

Monica - Il-mara tieghek!

Victor - Ghaliex ghandi nkun naf fejn hi?

Monica - Ma rajtix?

Victor - Ili gimgha ma naraha.

Monica - Gimgha?

Victor - Meta tidhol hdejja nghalaq ghajnejja u norqod. Trid bilfors tirriformani. Taghmilni ragel sewwa, qalet. Trid tindahal f'kollox.

Monica - Fejn setghet marret?

Victor - Mid-dehra, harbitlek.

Monica - Suppost li qeghdha f'kamritha - tistrih - imma mhix hemm.

Victor - Ma nahsibx li qabzet mit-tieqa.

Monica - Ghaliex ghAnda taghmel hekk?

Victor - Ghax tant tindahal fl-affarijiet ta' haddiehor li ma nistghagibx jekk taghmel wahda minn taghha.

Monica - Halli nara fejn setghet marret.

Victor - Jekk ma marridx Ghawdek tipprova tirriforma il-Ministru.

(MONICA TOHROG MIL-BIEB A. WARA PAWSA JIT-FACCA GOVANN MIL-BIEB B QIESU KELB INSAWWAT. VICTOR LI HAREG IR-RIVISTA JERGA JAHBIHA. GOVANN IHARES MADWARU BIL MOD U JIDHOL)

Govann - Taf fejn qeghdha? (VICTOR TAPARSI RIEQED) Papa' ! (VICTOR MA JICCAQLAQX) Uff, xi dwejjaq! (IMUR JINTELAQ FUQ IS-SUFAN meta L-BIEB B JINFETAH MALAJR U TITFACCA MONICA.) GOVANN JINHASAD - Ah, mela int?

Monica - Ma nistghax insib in-nanna.

Govann - Kien imissek tirringrazzja l'Alla.

Monica - Wisq nahseb li harget.

Govann - Bilfors, ghax kieku kienet hawn hadd ma kien ikollu bzonn ifittixa.

Monica - Nixtiq naf x'inhi taghmel.

Govann - Jew tigbor ghall-Inkapacitati - jew tinvistahom - [redacted] jew tipperswadi li xi niex jaghtuha xi hwejjeg - min jaf. Is-segretarja talfond tall-Inkapacitati, s-sinjura Mifsud, tagha attakk f' qalba. Nahseb li marru jarawha.

Monica - Marru min?

Govann - Il-mara tieghi tkun maghha. Infatti ssibhom dejjem flimkien - qiesa l-ajjutant taghha - uniformi jonqosha!

Monica - Ah, mela allura kollox sewwa.

Govann - Kollòx sewwa ghax qeghdha ma marti? Kemm nixtiq naqbel mieghek! Lil marti qalbitilha mohha aktar milli kien u lili nehhietli kwalunqwe sens ta' Gustizzja li tant kont nemmen bih!

Monica - Imma ghaliex qeghed tghid hekk?

Govann - Ghax qatt ghadni ma smajt li ragel jista jinbidel malajr daqshekk f' qasir zmien - ahseb u ara Imhallef! Haga tal-ghageb - tlitt gimghat ilu jiena kont L-Imhallef Delicata-Gili w issa ma jien xejn.

Monica - Jigifiri li rr senjajt?

Govann - Le, ghax jien minhix la Delicata-Gili u lanqas imhallef. Nisthajjilni qeghed nghix hajja kriminali mohbija.

Monica - Nifmek u naghdrek. Imma personalment jiena ma nistghax immur kontra Terry.

Govann - Hafna drabi jghaddieli hsieb li mhux veru li hi r-riformat - taghmel xihaga hazina u tispicca l-habz. Jiguni dawn ix-xewqat lili - imhallef!

Monica - Jekk dan li ser nghid huwa ta' serhan ghalik, jiena nghidlek li ma rriformatx.

Govann - Nixtiq kelli it-tama tieghek. Halli ntik ezempju. Qeghed tarah lil dak - missieri?

Monica - Iva.

Govann - Ftit ilu dhalt hawn - kellimtu u ma wegibnhix. Ghadda hsieb minn mohhi li mejjet!

Monica - Imma mhuhix, hux tassew?

Govann - Ma hassejtx il-hegga li nivverifika. Dan huwa ix-xorta ta' bniedem li sirt.

Monica - (TMUR FUQ VICTOR U CCAQALQU) Sur Victor!

Victor - (LI JKUN VERAMENT RIEQED, IQUM B'QATHA.) Eh! X'gara?

Monica - Ridt naccerta ruhi li ma kontx - er - nista ngieblek xihaga?

Victor - (B'LEHEN GHOLI) LE!

Monica - Minn lehnu mhux mejjet zgur.

Govann - Kien imissni inkun ferhan imma minhix.

Monica - Tassew jiddispjacini ghalik, Sur Imhallef.

Govann - Issejjahlix hekk - ma jisthoqlix!

Monica - Mela allura kif tridni nsejjahlek?

Victor - "Sciriha!" Hekk jismu. (JIDHAQ)

Monica - Kif inhi din?

Victor - Dak kien kunjom ommu u hu hekk jismu 'Xriha'.

Monica - Tassew dan?

Govann - Iva - veru kollu kemm hu.

Monica - Imma jiena ma nhossx li ghandi nsejjahlek hekk.

Govann - Mela sejjahli ziju - jew sejjahli li trid! (Victor jidhaq) Wara kollox hemm relazzjoni bejnietna ghax imnisslin mill-istess bniedem.

Victor - Iva, minni - imma inti baghal u hi mihix. (JERGA JIDHAQ. GOVANN IQUM IRRABJAT, JMUR LEJN IL-BIEB U ISEJJAH LIL Josette) Hawn ahna. Ser jitfani l-barra. Wasalna fejn kelna naslu.

Monica - Ghandi nifhem li wasalt biex temmem dak kollu li intqal?

Govann - La hemm il-provi materjali, ghaliex le?

Victor - Hekk sewwa - titfghani l-barra. Kieku ma kontx -

Govann - (IGHAJJT) BIZZEJJED!! Hawn ghandi ittra u rridek taqraha u tifhimha sewwa. (JOHROG ITTRA MIL-BUT TA' GEWWA U JAGHTIHA LIL MONICA LI TMUR TPOGGI FUQ IS-SUFAN TAQRAHA U HU JMUR JITTAWWAL MIT-TIEQA)

Josette - Sejjahtli, sinjur?

Govann - Iva, Josette. (JAGHMILLHA SINJAL BIEX TOHORGU)

Josette - (TMUR FUQ VICTOR) Fejn inqeghdhu?

Govann - Taht is-sigra!

Josette - Skuzani taf, sinjur imma tiela temp ikrah gmielu u tista taghmel -

Govann - TAHT IS-SIGRA GHIDTLEK!

Josette - Kif tghid int. (DHARES MEJN VICTOR BI HNIENA) Imma ghaliex jahasra!

Govann - (JERGA JIGI F'TIEGHU) Le, le, Josette - mhux taht is sigra.

Josette - Tajjeb wisq, Sur Imhallef.

Victor - Dak xriha - ismu XRiha! (WAQT LI HIERGA BIH JOSETTE IKOMPLI JGORR) Xriha - mhux Delicata-Gili - xriha f'himt.

Monica - (LISADATTANT BAQGHET TAQRA) Minthix ser temmen kollox li hawn fl-ittra hux?

Govann - Kollox. Dak xoghol ta' Avukat tajjeb.

Monica - L-avukati dejjem hekk jesprimu ruhom.

Govann - Kif?

Monica - Li donnhom jafu tajjeb x'inhuma jghidu.

Govann - F'dan il-kaz jidher li jaf tajjeb.

Monica - Jekk ma jafx lil Terry sewwa qiesu ma jaf xejn.

Govann - Ghamel ricerka mahduma bir-reqqa. Ikkonferma li kienet is-sinjorina Buttigieg u li zzewgithu. Ma sabu ebda tracca ta' annullament u dana jfisser li ghadhom mizzewga.

Monica - Iva, naf. Hi dejjem hekk - preciza!

Govann - U nghidlek ohra. Dak l-avukat huwa l-aqwa wiehed maghruf li ghandna, u mhux ser tidhaq bih nantek.

Monica - Jiena perswaza li huwa kapaci hafna, imma naf ukoll li mhux darba u tnejn kienet

- kienet kapaci thammar wicc xi zewg Ministri.

Gvann - (IDAHHAL L-ITTRA FIL-BUT) Xi kulltant ma nifmhekx. Inti tghid li verament dhobb lil nantek u safrattant tirrifjuta li temmen li go fiha hemm it-tajjeb ukoll. Jiena, nghid ghalija nhoss u nahseb li xi kulltant tkun fuq in-nahha tal-ligi. U jekk tistaqsini lest biex nikkonferma li tassew irriformat.

Monica - U jiena nghidlek le!

Gvann - Ma nistghax nifhem ghaliex.

Monica - Ghax mghandha ebda skop li tirriforma. Irrid infakkrek li l-lejla ghandek laqa.

Gvann - Iva naf. L'appell li ser naghmel irnexxili nikteb il-ponti ewlenin.

Monica - X'inhu s-suggett din id-darba?

Gvann - L-ghotja ta' mobbli - min jista s'intendi - ghal kazin li ftahna. (IMUR IHARES MIT-TIEQA) Mid-dehra gejja xi xeba xita - ahjar nara. (JOHROG MGHAGGEL)

Monica - Xi gralu f'salt wiehed?

(TQUM U TMUR LEJN IL-BIEB. DANA JINFETAH U TITFACCA ROSINA LIEBSA GHAL-BARRA TIMBOTTA LIL VICTOR LI HUWA RIEQED U TPOGGIH FUQ IL-LEMIN TA' L-ISKRIVANIJA U TPOGGILU L-BERET FUQ HOGRU)

Kienet mieghek, in-nanna?

Rosina - Iva, mieghi kienet.

(TIDHOL TERESA BIR-RIVISTA TA' VICTOR F'IDA U FL-OHRA L-UMBRELLA. TITFA R-RIVISTA GOL WASTEPAPER BASKET. TIFTAH IL-BIEB U ISSEJJAH LIL JOSETTE. ROSINA U TERESA JNEHHU IL-KAPOTTI. TERESA TOHROG MAKTUR MIL-BORSA U TMUR TIMSAH MOHH U WICC VICTOR LI HUWA RIEQED.)

Teresa
Josette

Prosit. Ghamilt haga sewwa.

Teresa - Marridux li jigrilu xihaga, hux hekk?

Rosina - Meta wasalna ahna kien ghadu kemm beda l-irxix. Hu kien qieghed taht l-arkata hdejn il-gnien imma bir-rih tilhqu.

Monica - Inti ma xxarrabtx hux?

Teresa - Le, ruhi. Ilhaqna wasalna. (TIDHOL JOSETTE) Ah! Josette.

Josette - Iva, sinjura, x'ghandek bzonn?

Teresa - Dak ir-Rivista li hemm filbasket - int xtrajtielu?

Josette - Iva, sinjura. Talabni u xtrajtulu.

Teresa - Brava!

Josette - Skuzi?

Teresa - Ahna napprezzaw dawk in-nies li jghidu il-verita'.

Josette - Sibt li huwa inutili li nghidlek kelma b'ohra ghax taqbadni millewwel.

~~Tec~~ (TERESA DHARES LEJN VICTOR. TMUR DHARES LEJN IL-KOTBA FIL-LIBRERIJA.

Josette ~~Teresa~~ Ghandek bzonn to xihaga ohra, sinjura?

Teresa - Ma jidhirlix. (JOSETTE TKUN SEJRA) Ma ghamiltx haga sewwa, Josette.

Josette - Iva x'ghamilt hazin?

Teresa - Taghtih dik il-porkerija ta' Rivista.

Josette - Porkerija ghaliex? In-nisa kollha liebsin.

Teresa - Dan qeghed tghidu int. Ma nahsibx li l-imhallef jiehu pjacir jekk ikun jaf.

Josette - Mela ghamilli pjacir, sinjura u tghidlu xejn ghax narridx nitlef il-post.

Teresa - Milli jidher ilek ma tmur il-kniesja.

Josette - Immur imma mhux ta' kuljum.

Teresa - (TOHROG ZEWG VOLUMI TQAL MIL LIBRERIJA) Tahseb li ghada tmur?

Josette - Iva, ghada mmur zgur.

Teresa - Hekk sewwa. (TAGHTIHA IL-KOTBA) Issa poggi dawn fuq hogru halli malli jkun isibhom. Ara waqfet ix-xita -

Rosina ~~Jose~~ - (TMUR TITTAWWAL MIT-TIEQA) - u harget ix-xemx. It-temp illum itella u jnizzel.

Teresa - Tajjeb. Mela taf fejn tqeghdu, Josette. Dawk il-kotba qeghdom bil mod fuq hogru ghax saqajh mghadhomx dak li kienu.

(JOSETTE TPOGGI L-KOTBA BIL MOD FUQ HOGOR VICTOR U DAN IQUM MIGUH IWAHWAH)

Victor - X'ittorok qeghed tipprova taghmel? Ja hmar bla gwienah! (TPOGGILU L-BERET FUQ RASU U TMEXXIH GHAL BARRA) Mela ghalt kamorra maghhom? Oqtluni halli tara x'jigrilkom!

Rosina: - Xi kulltant inhoss qalbi tinghafas ghalih! Dark x'kotba huma li tajtu?

Teresa - Wiehed fuq il-morali u l-iehor kif ighix hajja qaddisa.

Monica - Trid intellaghlek il-kowt fuq?

Teresa - Grazzi u l-umbrella wkoll jekk ma jimpurtax.

Rosina - Min jaf tkunx ideha tajba jekk it-tabib tieghek jaghmillu vista.

Monica Tabib? X'tabib?

Teresa - It-tabib Bonanno, ruhi.

Monica - Mela gej hawn?

Teresa - Jiena hsibt li ser tiehu pjacir li gej.

Monica - Le. Minhix!

Teresa - Imma inti thobbu liz-ziju Censu.

Monica - Lilu nhobbu, iva - z-zjara tieghu ma ~~...~~ toghgobnhix - minhabba fik!

Teresa - U ghaliex dan?

Monica - Ghax mhux tajjeb ghalik. Tiftakar lahhar darba li gie x'kien inqala!

Rosina - Jaqaw x'gara?

Monica - Ghebu t-tnejn ghal-gimgha shiha u gew lura b'gizirana tad-djamanti li tiswa l-gheluf ta' liri.

Teresa - Dana mhu veru xejn.

Monica - X'inhu?

Teresa - Id-djamanti kienu foloz.

Monica- Issa li ghidt li rriformajt, ghandi nahseb li dawn l-affarijiet ma taghmilhomx aktar?

Teresa - Precizament!

Monica - Mela allura x'gej jaghmel hawn?

Teresa - Jekk trid taf - gej jarani professjonalment.

Monica - Liema professjoni ser juza din id-darba?

Teresa - It-tajba. (TIDHOL JOSETTE)

Josette - Sinjura Buttigieg, gibulek siggu ghall inkapacitati.

Teresa - Min baghtu?

Josette Ma nafx, imma min giebu taghni ittra u qalli li kollox hemm fiha.

Teresa - Mela kollox sewwa!

Josette - Nahseb li ahjar inwarbu x'imkien.

Teresa - Ghaliex?

Josette - Ghax jekk jarah is-sur Victor jahsbu tieghu.

Teresa - Ghidli haga, Josette. Ghax taghmel iz-zeba fuq xuftejk meta tkun xoghol?

Josette - X'fiha din, sinjura?

Teresa - Mhux kwistjoni x'fiha - mghandhix issir!

Josette - Ma nistghax nifhem ghaliex.
Teresa -
Iz-zeba tista tuzaha meta tkun franka.

Rosina - Is-sinjura ghandha ragun, Josette.

Josette - Tajjeb - issa nnehhih!

Teresa - Sewwa. Iz-zeba sservi biss biex tghatti d-dnubiet - u billi mghandekx x'tghatti, jekk tuzaha waqt ix-xoghol tkun qeghdha turi haga b'ohra.

Josette - Ma nistghax nifhem kif ghax li hemm hemm.

Rosina - Lanqas jien ma fhimt!

Teresa - Dak ghaliex inti bniedma li dawn l-affarijiet ma tifhimhomx. Min jaf jara - jifhem. Tajjeb. Tista tmur. (JOSETTE TOHROG)

Monica - Jiena ma nafx x'itik kulltant.

Teresa - Ma nistghagibx.

Monica - Jekk dejjem ghext hajja qarriqa qatt ma niftakrek tkun ipokrita.

Teresa - Ipokrita ghax naghti pariri tajba?

Monica - Pariri tajba, iva - imma mhux tqarraq binnies.

Teresa - Jista jkun li fl-imghoddi kont xi kultant ftit li xejn qarrieqa - imma issa sirt nisranija fil-veru sens tal-kelma.

Monica - Inti tahseb li b'dan l-ghemil tieghek ser taghti provi ta' dan?

Teresa - X'inti tipprova tghid?

Monika - Tnehhi z-zeba lil dik il-povra tfajla - tirrikattaha biex tmur il-kniesja - tarmi r-rivista tan-Nannu - Iggalghu jaqra kotba

– li lanqas biss jista jerfa. Jekk dawn huma provi ta' hajja nisranija, kull ma nista nghidlek hu – li ghandek bzonn aktar prattika.

Teresa – Ghandek ragun, imma tistennix li naghmilha ta' biruhi li ili nisranija tul hajti meta jiena ma kontx.

Rosina – Iva, veru, naqbel mieghek. (TMUR INKISS INKISS LEJN L-ISKRIVANIJA U BIL-MOHBI TIGBOR IR-RIVISTA U TAHBIHA WARA DARHA)

Teresa – Ma tantx issib okkazjonijiet biex taghmel is-sewwa jekk ma tkunx imdorrija bihom – allura jkollok tghaddi b'daq li ssib.

Monica – Tajjeb jew hazin, hux hekk?

Teresa – Jiddependi.

Rosina – Jiena haga wahda nghid – li qatt ma ltqajt ma persuna li kapaci takkwista flus u affarijiet ohra ghall-Inkapacitati daqsa'.

Monica – Terry kapaci ghal kollox ghax dejjem hi tcrbah.

Rosina – X'jigifiri dan?

Teresa – Taghtix kasa.

Rosina – Tajjeb. (WAQT DAN LI GEJ HIJA TINSA LI GHANDA R-RIVISTA MOHBIJA WARAJHA U WAQT LI TITKELLEM TURIHA MINGHAJR MA TRID) Eh, bilhaqq, ftakart min hi dik il-mara.

Teresa – x'mara hi?

Rosina – U dik li kienet ghaddejja labranzetta ma dak il-guvni.

Teresa – Ir-ragel taghha, tat-tajjeb?

Rosina – Tat-tajjeb u nghid'.

Teresa – Famus. Mela ghandna siggu iehor ghall-Inkapacitati.

Rosina – Brava tassew'.

Teresa – U erga poggi dik ir-Rivista minn fejn gbarta ghax dik mhix tajba ghalik'.
(ROSINA TITFAHHA LURA FIL-BASKET FILWAQT LI TIDHOL JOSETTE)

Josette – Hawn it-tabib Bonanno.

(JIDHOL IT-TABIB CENSU BONANNO. RAGEL AVANZAT B'WICC DAHQANI. JAGHMILHA TA' KBURI IMMA VERAMENT HUWA BEZZIEGH TA' PRIMA KLASSI. L-UNIKU RISPETT LI GHANDU HUWA LEJN MONICA GHAX FIL-FATT HUWA L-PARRINU TAGHHA. DIN HI L-UNIKA HAGA GENWINA LI GHANDU. IL-BQIJA HUWA BNIEDEM BLA SKRUPLI. F idu GHANDU

Teresa - (TMUR TILQU) Kif inti, Cens?

Censu - (JILQAHHA B'ZEWG BEWSIET) Il-mahbuba Terry tieghi!. U inti kif thossok?

Teresa - Ma jien inhoss xejn!

Censu - Tajjeb, tajjeb.Marridekx tistrappa ruhek. Tiftakar x'ghidtlek.

Teresa - Ghandi x'naghmel wisq.

Censu - Trid tiehu kollox bil-mod. Bil-mod fhimt? (JAGHTIHA L-FJURI) Dawn ghalik.

Teresa - Ara xi gmiel!

Censu - Jiddispjacini li l-karta li kienu mgesrin fihom taritli bir-rih minn gol karozza.

Teresa - (LIL ROSINA) Ara, daqxejn x'inhuma sbih!

Rosina - Iva, tassew. Ahna ghandna precis bhalom fil-gnien. (CENSU JISHOL U JHARES LEJN TERESA MINN TAHT IL-GHAJN)

Teresa - Imma mhux sbih daqs dawn.

Rosina - Ghandek ragun - dawk isbah.

Teresa - Cens - is-sinjua Delicata-Gili - It-tabib Bonanno.

Rosina - Ghandi pjacir, tabib.

Censu - (JOHODILDA B'IDA) Jien ukoll.

Teresa - Hawn ha, Josette, poggihomli f'kamarti.

Josette - Mela le, sinjura. (TOHROG BIL-FJURI)

Rosina - Kemm smajt affarijiet fuqek, tabib.

Censu - Mhux hafna nispera.

Rosina - Insomma, bizzejjed. Inhobb nisma fuq innies li nkun ghadni ma ltqajtx. Bilhaqq, insejt inqabbad il-heater f'kamartek halli nsahhanlek il-kamra. Ippermettuli. (MALLI TOHROG ROSINA, MONICA TMUR FUQ CENSU U TGHANQU)

Monica - X'hemm, ziju Cens - ili ma narak!

Censu - Hawn ahna ckejkna tieghi.

Teresa - Mihix fuq taghha llum.

Censu - Le? Ghaliex?

Teresa - Nahseb li minhabba fija, imma wisq nahseb li minhabba - (DHARES MA DWARA) Fejn hu dak il -guvnott? Ma gibekx hawn bil-karozza tieghu kif issuggerejtlek?

Censu - Iva, dazgur. U nista nghidlek li qatt f'hajti ma twerwirt aktar mil-migja li ghamilt illum.

Monica - X'guvnott hu?

Teresa - Michael tieghek, ruhi.

Monica - Michael x'inhu jaghmel hawn. Jiena ma staqsejtux biex jigi.

Teresa - Naf. Staqsejtu jien.

Monica - Mhux ga ghidtlek li marridx narah?

Teresa - U mela ma tridx tarah!

Monica - Ghidtlek le!

Censu - Kif inhi din - kif inhi din?

Monica - Ghax ma jisthoqlux dan, Ziju Cens.

Censu - Imma ghaliex?

Monica - Ghax minn dan kollu mhu ser jigri xejn!

Teresa - Mhemm l-ebda raguni ghaliex le.

Monica - Jekk ser terga tibda mil-gdid, ser nitlaq il-barra.

Teresa - Mhux nibda - ser inkompli sejra sakemm tigi f'sessik. (MONICA TIGBOR IL-HWEJJEG TA' TERESA U TITLAQ IL-BARRA)

Censu - Imma x'inhu jzomm kollox?

Teresa - Li skuza tas-soltu.

Censu - Li ma tridx titilqek?

Teresa - Iva.

Censu - Imma dan kollu ma mpressjonahix?

Teresa - Xejn - assolutament xejn.

Censu - Jiddispjacini tassew!

Teresa - Ma tidher l-ebda tamma li ser dbiddel fehma.

Censu - Il-kwistjoni hi, Li la darba trid lil dan iz-zaghzugh u fl-istess hin ma tridx thalli lilek - jiena narah haga serja hafna.

Teresa - Dana jirrikjedi ftit tad-dewmin - dak kollu.

Censu - Fliema sens?

Teresa - Sakemm inhalliha!

Censu - Minhix nifhem.

Teresa - Inti taf li dalwaqt se inhallikhom.

Censu - (KONFUS) I-ii-va - insomma naf - imma -

Teresa - Milli jidher donnok insejt li kont ghidtli li minhix ser indum hajja.

Censu - Mohhi kien band'ohra. Kont qeghed nahseb f'Monika.

Teresa - Jaqaw saret aktar importanti minni?

Censu - Hija taf b'dana kollu?

Teresa - Dazgur li ma tafx.

Censu - Allura ma jidhirlekx li ghandha tkun taf?

Teresa - Ghalfejn? Mhi ser tikseb xejn minn daqshekk.

Censu - Almenu tkun tista zzomm l-hbiberija ma dan il-guvni.

Teresa - U jekk il-hbiberija tintemm, ser jigri?

Censu - Ghandu mnejn jiddejjak hu qabel tintemm.

Teresa - Imma jekk dan ser isir f'qasir zmien bhalma ghidtli, li qeghednghidu mhux ser jigri.

Censu - Jiena dan minhix ser niggarantih.

Teresa - Dik mihix l-impressjoni li tajtni dikinhar.

Censu - F'dawn il-kazi specifici id-decizjoni qatt ma tista tkun mijja fil-mijja. Fil-kaz tieghek, tista tigri fizmien sena jew aktar.

Teresa - La darba inti ma tistghax tippreciza il-mewta tieghi - inhoss li ghandi nghidilha - imma napprezza jekk terga tezaminani u taghtini decizjoni finali. (TIDHOL MONICA. BIDDLET IL-LIBSA)

Monica - Fejn hu?

Censu - Dalwaqt ikun hawn, hanini, ghax qeghed isewwi xihaga fil-karozza.

Monica - Dik il-karozza dejjem b'xi hsara.

Censu - Monika hanini, ghaliex qeghed issiba bi tqila biex temmen li n-nanna rriformat?

Monica - Ghaliex ma nistghax nifhem ghala.

Teresa - Qeghed tara'. Issa ser immur f'kamarti u rridek tigi terga tezaminani. (TOHROG)

Censu - Irriformat precizament biex inti tkun tista tizzewweg.

Monica - U hallini minnek, Ziju Cens.

Censu - X'jigifiri?

Monica - Hija trid twarrabni min-nofs, dak kollu.

( JIDHOL MICHAEL B'XAGHRU MQANFED U JDEJK IMCAPSIN BIZ-ZEJT)

Monica - Iss-issa ghada kemm kient hawn. Inti minthix mghaggel, hux? Hekk jew hekk ma nafx kemm ser iddum.

Michael - Fuq min qeghed titkellem?

Monica - Inti ma gejtx hawn biex tkellem lil-Terry?

Michael - Le. Lanqas xejn!

Monica - Skuzani - hsibt li int -

Michael - Gejt biex nara lilek.

Monica - Tassew? Mela ahjar tmur tinhasel.

Censu - Skuzi - ahjar immur jien qablu.

Monica - Kif trid. Michael urih fejnhu.

Censu - Mhemmx ghalfejn, naf fejnhu!

Monica - Imma jekk inti qatt ma dhalt go din iddar - ?

Censu - Ma kellix ghalfejn - harsa mit-twieqi bizzejjed. (JOHROG MIL-BIEB X)

Michael - Donnok bin-nervi - x'inqala issa?

Monica - Wara kollox mhux tort tieghek.

Michael - Minhix nifhem.

Monica - Terry regghet bdiet tindahal bhas-soltu!

Michael - F'hix?

Monica - Bejnhi u bejnek.

Michael - Kif?

Monica - Tinkoraggik.

Michael - Tinkoraggini biex?

Monica - Biex tibqa issus ghal warajja.

Michael - Ma nafx min dahhallek f'mohhok li ghandi bzonn ta' nkoraggament.

Monica - Forsi le, imma -

Michael - Ghaliex qeghed tahseb hekk?

Monika - Ma kitbitlekx?

Michael - Billi kitbitli? Ghandi l-ittra taghha fil-but - imma ghandi jdejja mahmugin.

Monica - Liema but?

Michael - Ma nafx - fittixa.

(WAQT LI MONICA QEGHED TAGHMEL DAN, IKUN SER IGHANNAQA IMMA JIFTAKAR F'IDEJH)

Monica - Din hi?

Michael - Iva. Iftaghha u aqraha.

Monika - (TAQRA) 'It-tabib Censu Bonanno, li huwa t-tabib tieghi, ghandu jigi jarani nhar is-sibt wara nofs inhar. Jekk inti tkun gej biex tara lil Monica, tkun haga sabiha jekk tkun tista ggib it-tabib mieghek.

Michael - Dan ma tistghax tghidlu nkoraggjament.

Monica - Inti kont gej tarani?

Michael - Le.

Monica - Hemm int. Ghaliex?

Michael - Tajba din - ghax inti ghidtli li minthix ser tkun hawn.

Monica - U hi, 'dik l-ittra dahlitlek fin fin u wrietek li kont ser issibni hawn.

Michael - Ma nafx ghalfejn trid tiftahli t-triq biex nizzewgek. Ma tghix li fini xi sold'.

Monica - Ghandha l-fehmiet taghha - u r-raguni wkoll'.

Michael - Privati nispera.

Monica - Aktar personali, nahseb.

Michael - Mela s-sitwazzjoni hija din. Min-nahha wahda in-nanna ghandha r-ragunijiet taghha biex tinkoraggini, int minn nahha l-ohra ghandek fehma li ghandhi nigi skoraggut. Jiena mghandhix inkun naf dawn ir-ragunijiet x'inhuma - wahda tlibbisni u l-ohra tnezzani- u jien qiesni l-bridge bejn Malta u Ghawdek.

Monica - Biex nghidlek hassejt li inti tinstab f'nofs ta' bahar u dinha mhux haga sewwa ghalik.

Michael - Isa - ser t'henn ghalija flahhar'.

Monika - Inti ghandek id-dritt li tkun taf ghaliex jiena ma nistghax nizzewgek u issa ddecidejt nghidlek.

Michael - Mhux ga ghidtli?

Monica - Naf. Din id-darba ser nghidlek il-verita'.

Michael - Tajjeb. X'inhi l-verita'? Li ma tridx tfal? Jew li ddemm taghna ma jaqbilx?

Monika - Din mhix gejja minni. Dinha xoghol Terry.

Michael - Mela allura hi l-percimes li ma tridx li jkollok tfal. Jiena hsibt li hija fuq in-nahha tieghi.

Monica - U hekk hi. Tiftakar meta giet lura mis-safar xhar u nofs ilu?

Michael - Iva, Ghaliex?

Monica - Ghax mhu veru xejn li giet mis-safar - kienet Kordin.

Michael - Fejn?

Monica - Kordin - il-Habs!

Michael - Dana veru jew din xi ohra minn tieghek?

Monika - Jekk ma tafx nghidlek. Hija frodista, tidhaq bin-nies, qerq ghaliha mhu xejn, turi haga b'ohra fejn jaqbillha - f'kelma wahda Halliela professjonali liema bhala. Min dejjem kienet hekk.

Michael - Possibbli?

Monica - Iva.

Michael - Afli lanqas irrid nemnek!

Monica - Temminnix. Il-quddiem tiskopri li kelli ragjun.

Michae; - Jekk tkompli sejra hekk ser tispicca l-isptar tal-mohh. Lewwel tohrogli bli skuza li ma naqblux, imbghad li ghandek id-dijabete fil-familja, wara tohrogli li ghandi l-genn fil-familja, imbghad -

Monica - - milli qeghed nara inutili nispjegalek.

Michael - Jekk trid tkun taf - iva!

Monika - (SER TIBDA TIBKI) Jiena qatt ma ridt nghidlek. Mhix haga sabiha li ghandi nghid dawn l-affarijiet fuq nanti. U jekk inti minthix ser temminni - (TINFEXX TIBKI)

Michael - Ismghani x'ser nghidlek. Millum il-quddiem marridx nisma aktar ragjunijiet. (TIEQAF TIBKI F'SALT) Marrid naf xejn! Lili ma jghogbunhix. Ma naqbilx maghhom u marridx nisma kelma ohra fuq dan. Qeghed tifhimni? (IHARES LEJHA B'WICCU GO WICCHA) Huma x'inhuma mhux ser jaghmluli ebda differenza. U ser inkompli bil-qawwa kollha nsus warajk. (JAQBDILHA WICCHA U IBUSA)

Censu - (JIDHOL MINN X) Jekk trid tahsel idejk il-kamra tal-banju vojta. (HUMA JISSEPARAW. WICC MONICA IMCAPPAS BIZ-ZEJT)

Michael - Eh? Iva, iva, grazzi. Arani sejjer. (JOHROG MINN X)

Monica - Nahseb li wicci mahmug bil-biki.

Censu - Hawn ha l-maktur tieghi.

Monica - Minhix ser nerga nibki jekk inti qeghed tahseb hekk.

Censu - Ghalija tista tibki kemm trid, hanini.

Monica - Aqta xi dwejjaq ghandi.

Censu - Ejja, ejja, hanini marrida narak hekk.

Monica - Nixtiq li ma twelidx. Kif jien, mghandi l-ebda futur quddiemi.

Censu - Ghadek zghira biex tghid hekk

Monica - Mhemm xejn li wiehed jista jixtiq - hlief l-ikel. Lanqas almenu li nixjih u ikolli familja.

Censu - U mela le. Il-quddiem tara.

Monica - Glieda wahda kontinwa - dak kollu. Nigri wara Terry hajti kollha u nidher antipatika kull fejn immur. X'prospetti ghandi ghal li gej?

Censu - U le, jahasra - x'inti tghid?

Monika - Mghandix fuq min indur.

Censu - Min qallek li le - mhawx jien?

Monica - Inti mhux dejjem tkun hawn - ghafna drabi ghal zmien twil.

Censu - Imma issa jien hawn. Dak hu mportanti, mhux hekk, hanini?

Monica - Iva. Qeghed niehu gost nisimek tghid hekk.

Censu - Mela allura ejja naraw kif ser intejbu s-sitwazzjoni.

Monika - Mhemmx x'taghmel.

Censu - Jiena xi darba fallejtek?

Monica - Xi drabi - imma mhux ghax ridt.

Censu - Mela din id-darba ma nfallikx, zgur. Isma. Ghandi nifhem li Terry ma semmietlek xejn dwar sahhitha?

Monica - Le. Ghaliex?

Censu - Nahseb li ssemmilek xihaga

Monica - Jaqaw grala xihaga?

Censu - Le. Imma ftit izjed minn xhar ilu meta gejt lura - meta gejt mis-safar insomma - billi minn dejjem nahseb fik u irriedlek il-gid - bdejt ninkweta ruhi ghalik u fuq il-hajja kiefra li kont ghaddejja. Wara kollox jiena l-parrinu tieghek.

Monica - Ghamilli pjacir, Ziju Cens, ghidli li ghandek tghidli u toqodx iddurli mal-lewza.

Censu - Tajjeb. Jien sirt naf li inti ridt tizzewweg. Terry dejjem kienet tghidli li kien bihsieba tirriforma - qabel tmut s'intendi - u dik hija mara li kelmitha zzommha. Ghalhekk meta baghtet ghalija u qaltli li kienet dhoss tahbit qawwi f'qalba- sibt l-okkazjoni xirqa u ghidtilha li din kienet haga sejja. Meta ezaminajtha ma kellix hlief xi ftit flati, imma ghidtilha li ma kienitx ser tghix fit-tul.

Monica - Ghidtilha li kienet ser tmut?

Censu - Kienet forsi haga barra minn loka, haga mhux professjonali imma -

Monica - - Terry x'qalet meta ghidtilha hekk?

Censu - Kien success kbir ghax belghata - ridt nghid emmnitha.

Monica - Emmnitha bis-serjeta' kollha?

Censu - Bla ebda dubju ta' xejn.

Monica - Imma kif stajt taghmlu dan?

Censu - In-nanna mhix wahda li thobb tahrab mil-fatti.

Monika - U accettat kull mghidtilha b'ghajnejha maghluqa.

Censu - Ghajnejha miftuhin kienu - imma kellha fiducja kbira fija.

Monika - U b'dana trid tfisser li huwa veru li qalbet il-folja ghat-tajjeb.

Censu - Bla dubju ta' xejn.

Monica - Mela allura x'inhi taghmel hawn?

Censu - Ghaliex ghandha d-dritt kollu li tkun hawn.

Monica - Ghandi nifhem li hija tassew is-sinjura Delicata-Gili?

Censu - Verita' sagrosanta!

Monica - Mhemmx xi leghba taghha minn taht?

Censu - Kelli l-pjacir nistabbilixxi dan jien stess.

Monica - Nispera, mela, li kujoma l-gdid huwa genwin.

Censu - Tant huwa genwin li meta skoprejtu - tant bqajt mistghageb li ma stajtx nitkellem ghal tlitt tijiem shah!

Monica - Dinha hrafa tieghek!

Censu - Taf li lilek qatt mghidtlek kelma b'ohra.

Monica - Inti qeghed tghidu dan.

Censu - Minthix temminni?

Monica - Nahseb li din id-darba qeghed tghid is-sewwa.

Censu - Allura minthix ferhana b'dankollu?

Monica - Mhux ghal kollox. Qeghed niehu gost li hija giet hawn mhux b'qerq, imma l-affari l-ohra - ma naqbilx.

Censu - X'jigifiri?

Monica - Ghax mhux sewwa li dhalliha tahseb li ser tmut.

Censu - Taf li hadet pjacir meta ghidtilha.

Monica - Tant hi mdorrija li turi haga b'ohra wrietek hekk biex ma turikx li haditha bi kbira.

Censu - Jiddispjacini li ser immerik. Tarry hadt ma jafa sewwa daqsi, specalment meta nigu ghas-serjeta'. Hija qatt ma tfingi u tassew qeghdha tiddeverti taghmel il-gid. Jiena niddikjara li rriformat bis-serjeta'.

Monica - Ma nafx x'nibda nahseb.

Censu - Hemm ohrajn barra m-nanna li rridu nqisu.

Monica - Michael hux?

Censu - Michael u int.

Monica - Iva, hemm iz-zwieg fin-nofs u Michael dak li jrid.

Censu - Mur ahsel wiccek, hanini. Kont qeghdha tibki, tiftakar?

Monica - Iva - arani sejra.

(JIDHOL MICHAEL U JIGI WICC INBWICC MAGHHA. B'GHAJTA FERRIEHA TITFA JDEJHA MA GHONQU, U WARA LI DBUSU TIDHOL FIL-KAMRA TAL BANJU. MICHAEL JICCASSA MISTGHAGEB. MONICA TERGA TIDHOL)

Ziju Cens. Inti ghidtli li kellha tghidli, hux hekk?

Censu - Hekk taghtni x'nifhem.

(TERGA TIDHOL MALAJR U KIF TAGHLAQ IL-BIEB TIBDA TIDHAQ SPJETAT. MICHAEL JIBQA KONFUS)

Qatt ma qlajt fwiedi daqshekk!

Michael - X'inhu?

Censu - Kien imissha qaltilha.

Michael - Min?

Censu - In-nanna ta' Monica. Skuzani taf, imma kont qeghed nitkellem wahdi!

Michael - Lil Monica ilek tafa hafna?

Censu - Jien gibta fid-dinja - eh, ridt nghid -

Michael - Iva, iva, fhimtek. Dbiddlet xejn minn dak iz-zmien?

Censu - U kif! Lewwel haga twieldet bla xaghar.

Michael - Hallik mic-cajt. Ridt inkun naf jekk dan lahhar dbiddlitx.

Censu - Ghaliex qeghed tistaqsini?

Michael - Ghax qeghed ninkweta ruhi ghaliha.

Censu - Jaqaw ma tiflahx?

Michael - Ma nafx - imma hekk donnha.

Censu - X'jigifiri hekk donnha?

Michael - Dak li qeghed nipprova nitkixxef. Jiena miliex nafa, imma sa fejn naf jien dejjem kinet hekk.

Censu - Kif?

Michael - Ma nafx - stramba!

Censu - Stramba?

Michael - Mela. Donnha mhix qeghdha hawn ghal kollox, u qatt ma tkun tista tasal biex tinduna dak li ghandha f'mohha.

Censu - Forsi ghax hi xi ftit kapriccuza?

Michael - Le. Irrid nghid - qiesa hawn meta mhix.

Censu - Eh, ruhi - meta mara dhobb lil xihadd ma tistghax tiehu kopja x'taghmel.

Michael - Daka nafu - imma din l-affari xort'ohra. Kieku wiehed joqod jaghti kas x'taghmel il-gurnata kollha, tghid li hija mberfla.

Censu - U dana jinkwetak.

Michael - Dazgur. Jiena rrid nizzewwigha.

Censu - Fhimt. Mela halli nsejjahlek mohhok. Halli nara kif b'xi mod nista nispjegalek. Tassew li minhix nahmel sewwa meta nasal biex nikser is-sigriet professjonali - imma taht dawn ic-cirkostanzi nsib ruhi gustifikat. Monika, mghandha xejn hazin!

Michael - Xi trid tfisser b'dan?

Censu - Il-hazin li hemm gej min-nahha ta' nannitha.

Michael - Issoponejt li hemm xi tahwid.

Censu - Mhemm l-ebda tahwid. In-nanna hija mara marida.

Michael - Trid tfisser li - (SINJAL. CENSU JIKKONFERMA)

Censu - - marida serjament.

Michael - Meta?

Censu - Mhux fit-tul.

Michael - Dinha bomba bla hoss!

Censu - Ghalhekk Monica tidher imhawda.

Michael - Hekk hu. Dan jispjega kollox.

Censu - Hekk jidhirli.

Michael - Miskina. Kien imissha qaltli b'dan.

Censu - Forsi nahseb li ma setghetx iggib ruha tghidlek haga bhal din.

Michael - Almenu issa naf ghaliex ma tridx tizzewwigni.

Censu - X'JIGIFIRI?

Michael - Ghandha raguni ghaliex ma tistghax, hux hekk?

Censu - Ma nistghax nifhem ghaliex.

Michael - Taht dawn ic-cirkostanzi? Kif tista?

Censu - Ghal kuntrarju. Jiena nghidlek li jekk inti tinsisti hija taccetta tizzewgek.

Michael - Minthix tippretendi li ninsisti?

Censu - Imma jahasra ghaliex?

Michael - Inhallu dik il-povra mara fl-istat li hi bhal erba fost il-gimgha? Issa ma tarax. Lanqas nitgharsu mhu xieraq.

Censu - Tkunx ridikolu!

Michael - Skuzi, minhix ridikolu. Ma nistghax nigbed ghar-rasi meta naf li xihadd agonija.

Censu - Ara jien ukoll ma min qeghed naghmilha!

(TIDHOL ROSINA NIFSA MAQTUH MIL BIEB B)

Rosina - Inti gej, tabib, ghax gmielha qeghed jitlawla n-nervi.

Censu - Iva, iva, dazgur - arani sejjer. (IMUR LEJN IL-BIEB IGORR) Minn fuq li tipprova tghinu johroglok bl-aktar argumenti banali li qatt smajt! (ROSINA TIBQA CASSA TISMA) Il-veru stupidu u njorant! (JOHROG)

Michael - Dan xi bniedem hu?

Rosina - Ma nafx, ruhi - imma ilha tistennih! Skuzani.

(TOHROG. MICHAEL IPOGGI FUQ PULTRUNA. WARA PAWSA ZGHIRA JITFACCA MIL BIEB A, GOVANN.

Bonswa!

Govann - Taf fejnha s-sinjura Buttigieg?

Michael - Qeghdha fuq u hemm it-tabib maghha.

Govann - Eh, iva? (IPOGGI FUQ IS-SUFAN U JHARES CASS) Dalwaqt nghalaq tmienja u erbghin sena!

Michael - Nifrahlek!

Govann - Mghandekx ghalfejn. Minhix niehu pjacir li qeghed nixjih.

Michael - Tickien ma tistghax zgur.

Govann - Kien imissu hemm perjodu li kollox jieqaf ghal tant zmien. Kif ahna bniedem ighix sakemm imut u dan ma jiswa xejn lil hadd.

Michael - Lil Gvern biss, bit-taxxa tas-successjoni. Ghidli haga - inti qalbek sewda fuq xihaga?

Govann - Mid-dehra hadd minnkhom ma jaf x'inhu qeghed jigri hawn.

Michael - Biex nghidlek is-sewwa ghadhom kemm qaluli.

Govann - X'inhu? X'qalulek?

Michael - L-istorja kollha.

Govann - Weghdni li ma tghid lil hadd.

Michael - Dazgur. Din mhux haga li tghida.

Govann - Ghandek ragun biex dbih.

Michael - Ghandha kuragg kbir dik il-mara.

Govann - Mara? x'mara hi?

Michael - Is-sinjura Buttigieg.

Govann - Kuragg kbir fliema sens?

Michael - Kif qeghdha tohodha.

Govann - U x'inhi tiehu?

Michael - Mid-dehra lanqas taf fuqhix qeghdin nitkelmu.

Govann - Le. Ma nafx.

Michael - Mela ahjar ma nghid xejn.

Govann - (IQUM GHALIH IGHAJJAT) Ara ser navzak - ili naqla ma wicci fil-gimghat li ghaddew issemmix. Ili nissaporti l-fatt li kullhadd jaf l-affarijiet personali tieghi aktar milli nafhom jien. U jekk iati, zerbinott bhalek ser tigi hawn go dari - (TIDHOL MONICA MINN X U GOVANN JIEQAF GHAL MUMENT META JARAHA. MICHAEL DARU LEJHA MBGHAD JERFA L-PONN) Ser tghidli kollox mil-bidu sa lahhar - jew naghtik xeba liema bhala?

Michael - Tajjeb, tajjeb, nghidlek - imma kkalma! (GOVANN JIKKALMA. MONICA TIBQA HDEJN IL-BIEB TOSSERVA. MICHAEL IMUR IPESPES F'WIDINTU)

Govann - (JISMA B'KONTRAXENA U PAWSA ZGHIRA WARA KULL KELMA) Min? - Tassew? - Imma dan min qalu? - x'tabib hu? - Hekk qal? (IMUR LEJN IS-SUFAN MIBLUGH) F'qasir zmien!

Michael - Daqshekk hu.

Govann - X'wahda din! Lanqas irrid nemmen!

Monika - X'gara Michael?

(MICHAEL JAGHMILLHA SINJAL BIEX TISKOT. GOVANN QEGHED JIZEN DAK LI SEMA. MUMENT IRID JIDHAQ U IEHOR IGHATTI WICCU. TOHROGLU DAHQA U JIBDA JISHOL. IQUM U JERGA JIGRILU L-ISTESS. JOHROG JIGRI MIL BIEB B U MINN GEWWA JINSTAMA BHAL DAHQ FGAT)

Michael - Povru bniedem!

Monica - X'garalu?

Michael - Hallik minn dan issa. Ejja l-hawn. (IQEGHDHA FUQ IS-SUFAN U IPOGGI HDEJHA) Irrid inkelmek!

Monica - Fuqhix?

Michael - Ja wicc ta' xadina l-int!

Monika - Imma tista tghidli x'gara?

Michael - Irridek tkun taf li minn issa l-quddiem minhix ser indejqek izjed.

Monica - X'gara f'salt wiehed?

Michael - Ghandek bizzejjed gwaj minghajr ma toqod timkwieta ruhek ghalija. Meta inti tkun lesta - allura nizzewgu. Mhemmx ghaggla! Ma nahsibx li ser ikun fit tul - ridt nghid - nista nistenna.

Monica - Imma Michael, ruhi - jiena kont ser nghidlek -

Michael - X'kont ser tghidli?

Monica - Li jiena lesta.

Michael - Lesta ghalfejn?

Monica - Biex nizzewgek issa - jekk tridni.

Michael - (IHARES LEJHA HOSBIEN) Tizzewwigni issa?

Monica - Iva.

Michael - Imma dana kif?

Monika - X'jigifiri kif?

Michael - Ma tistghax.

Monica - Ma nistghax nifhem ghala.

Michael - Inti stess ilek tghidu dan.

Monica - Biddilt l-ideha, dak kollu.

Michael - Eh, iva?

Monica - Ma jidhirlix li hemm aktar bzonn.

Michael - Ghaliex mhemmx?

Monica - Ghax lil Terry issa nista nhalliha.

Michael - Tassew? Mhemmx aktar bzonn li tghassilha u titlaqa hekk habta u sabta?

Monica - Iva. Ghaliex le?

Michael - Dawn bcejjec!

Monica - Minhix ser naghtik cans iehor tista toqod zgur. (TIBDA SEJRA LEJN IL-BIEB A)

Michael - Jekk qeghed tipprova tghaddini bid-dghajsa t-tmun f'idejja - imma tgheddidni le! (MONIKA TOHROG U MICHAEL JOHROG WARAJHA MIL BIEB A) (WARA PAWSA JIDHOL CENSU MGHAGGEL MIL BIEB B u jibda jfittex)

Censu - Fejn hu l-kappell - ah, ara fejnhu!

(MALLI JPOGGIH GO RASU TIDHOL TERESA LIEBSA KIMONO. CENSU JINSTAMAT IHARES LEJHA)

Teresa - Issoponejt! Ma mortx ghall-istetoskopju. Kont ser titlaq!

Censu - (MISMUT) Le, Teresa, ruhi - ma tarax!

Teresa - Mghandekx bzonn il-kappell biex tezaminani.

(CENSU JNEHHI L-KAPPELL U IPOGGIH FUQ SIGGU. IPOGGU T-TNEJN, TERESA FUQ PULTRUNA U CENSU FUQ IS-SUFAN)

Teresa - Issa. X'inhuma dawn il-hmerijiet? Tidhol f'kamarti halli tezaminani u minflok tibda tgorr kemm hu stupidu u njorant Michael, u meta nipprova nistharreg x'gara titlaqli l-barra bli skuza ta' l-istetoskopju, hux hekk? Ghaliex?

Censu - (IMHAWWAD) Ghax hsibt li forsi ghidt xihaga li ghandha mnejn -

Teresa - - iggiebek fil-gwaj?

Censu - Precizament.

Teresa - Tajjeb. Issa ghidli x'ghamilt.

Censu - Ghidtlu fuq il-qaghda ta' sahtek.

Teresa - Ghidt dan lil-Michael?

Censu - Iva.

Teresa - X'wicc tost! U dan ghalfejn ghamiltu?

Censu - Hsibt li ser insolvilu il-problemi.

Teresa - Bliema mod?

Censu - Ghax ma setghax jifhemm ghaliex Monica kienet qeghdha tittratta mieghu hazin.

Teresa - Imma Monica ma tafx x'inhi l-posizzjoni.

Censu - Le, ma tafx - imma-

Teresa - - jew inkella taf? Ghidtilha?

Censu - Xihaga fuq fuq.

Teresa - Il-qoxra ta' wiccek u l-pett taz-zarbun -

Censu - Jiena hsibt li kien l-uniku mod.

Teresa - Meta ghidtilha?

Censu - Xi ghaxar minuti ilu.

Teresa - Mela ghalhekk kienet qeghdha tidhaq?

Censu - Meta?

Teresa - Ghaxar minuti ilu!

Censu - Ma nafx.

Teresa - Imma jiena naf. Tant dahqet bil-qalb li nahseb li dak li ghidtilha ma kienx l-istess bhal dak li ghidt lili.

Censu - Iva ppermettili nispjegalek.

Teresa - Inti lili ghidtli li kont qeghdha mmut bil-mod il-mod.

Censu - Tinsix li mghamilnhix konsulta.

Teresa - Issa - jew ghidtilha li minhix qeghed immut meta naf li jiena, jew inkella ghidt lili li kont qeghdha mmut meta minhix!

Censu - Tajjeb, tajjeb - terbah int!

(TERESA TICCASSA. JIDHLU ROSINA U JOSETTE. WAHDA B'GABARRE' BIT-TE' U SANDWICHES U ROSINA BI PLAKT PASTI TAL-LEWS U JPOGGU KOLLOX FUQ IL MEJDA FIL GENB.)

Rosina - (TMUR FUQ TERESA) Illum ghandna l-pasti tal-lews li dhobb int. (TERESA TIBQA CASSA U MA TIRRISPONDIJIX) Fhimtni x'ghidtlek? (TERESA TMUR LEJN IT-TIEQA QIESA F'holma. ROSINA MBEZZA TAGHMEL SINJAL LIL JOSETTE U JITILQU T-TNEJN IL-BARRA)

Teresa - Ghandi nifhem - mela - li minn dak kollu li ghidtli - mhemm assolutament xejn?

Censu - Daqxejn ta' taqlib.

Teresa - Fli stonku.

Censu - Gas li tahsbu attakk f'qalbek.

Teresa - Kif stajt taghmilha haga bhal din? Iggalni nahseb u nemmen li qeghdha mmut flahhar - li mhemm xejn li jista jsalvani - meta kull ma kelli bzonn kien daqxejn bikarbonat!
Bravu ghalik!

Censu - Ghamiltu ghall-ahjar tieghek.

Teresa - Min qabdek biex taghmel hekk?

Censu - Hadd!

Teresa - Xi dritt ghandek li tidhaq bija w iggalni nbiddel hajti meta ma kienx hemm bzonnu?

Censu - Din kienet haga temporanea biss.

Teresa - Temporanea?

Censu - Iva. kont ser inhallik titjiab malli tizzewweg Monica.

Teresa - AH! Jigifiri ghamilt dan kollu mhux ghalija imma ghal haddiehor.

Censu - Deherli li wasallek iz-zmien biex tirtira.

Teresa - Kieku ma kontx ga mhassar mil-lista Medika kont ingaghlhom ihassruk fuq haga bhal din.

Censu - Ghalfejn qeghdha taghmel dan l-istorbju kollu. Haddiehor kien jiehu pjacir isir jaf li mhux ser imut.

Teresa - Inti taf tajjeb li jekk hemm haga li ma nahmilx hija dik li nbiddel il-pjani tieghi minghajr bzonn.

Censu - Qeghed tghid hekk ghax sibt ruhek lura fejn kont?

Teresa - Le minhix. Tghallimt x'jifiri tjubija u dik il-hajja verament ghogbitni.

Censu - Ma jidhirlix li ser jiswielek.

Teresa - Dazgur li tiswa. Is-sewwa tant ghogbitni li saret parti minni.

Censu - U hallini minnek!

Teresa - La tidraha u tghogbok it-tjubija dinha ssir vizzju. Jiena minhix listess persuna li kont qabel u marridx nerga lura ghalli kont ghax ma jisthoqlix.

Censu - Mhemmx ghalfejn tmur lura ghalli kont.

Teresa - Mela allura xi tridni naghmel? Inkompli nuri li qeghed nistenna l-mewt meta naf li ghandi hajja twila quddiemi.

Censu - Isma. Wara kollox stajt hadt zball - minhix infallibbli. Ahjar tkellem lil haddiehor izjed aggornat minni biex jezaminak.

(HAWN TIDHOL LEHHA TA' BERQA MIT-TIEQA U TINSTAMA TFAQQA SAJJETTA)

Teresa - Millum il-quddiem minhix ser nemmen kelma wahda li jghiduli t-tobba!
(TINSTAMA XITA QAWWIJA).

Censu - Jiddispjacini ghalli gara. Nammetti li ghamilt qassata bhas-soltu - imma tista tfirgi ghal ftit taz-zmien, ghal gid ta' Monica, li ma tantx ser iddum hajja.

Teresa - U nismaghha tfaqqa d-dahq kull darba li tarani? Issa ma tarax!

(JINSTAMA LEHEN GOVANN IKANTA MINN GEWWA)

Govann - "Lanca gejja u ohra sejra - minn tas-sliema ghal marsamxett - (JIDHOL MIL BIEB B) Il-Kaptan bil-pipa f'halqu - (JIEQAF F'SALT GHAX JARA L-MEJDA BIT-TE') Ahha! It-Te' lest. Hekk sewwa. (IHOQQ IDEJH U JILMAH IL-CENSU) Ah! Inti it-tabib Bonanno, hux hekk? (Johodlu b'idejh) Ghandi pjacir li ltqajt mieghek.

Govann - Issa ejja niehdu kikkra te'. Insejt inbiddel il-papocc u niezla xita gmielha. Marridx ninsa imbiddilhom ghax jekk jixxarbuli saqajja jien inbghati. Wara kollox jien x'jimpurtani. Darba biss nistghu mmutu, mhux hekk? (JIDHAQ GOFF) (IHARES LEJN TERESA U JINTEBAH. JIEQAF F'SALT) Ahem! Jiddispjacini - jiddispjacini hafna li ghidt hekk - jiddispjacini. (IX-XITA ZZIED FIL-QAWWA.)

Rosina - (TIDHOL) Fejn hu - kullhadd? Monica fejn hi?

Govann - Rosina, halli n-nies bi kwiethom. (JIEDA JIEKOL)

Rosina - Kif trid int, ruhi qalbi. (TIDHOL MONICA)

Monica - Taf kif inhi niezla!

Rosina - Fejnhu Michael, ruhi?

Monica - Ma nafx.

Rosina - Govann, qalbi - ixeghel id-dawl ghax dalam u jien nipprepara it-Te'.

(GOVANN JIXHEL.) Ah, hekk ahjar! (Jidhol malajr MICHAEL MINN A, MXARRAB BIX-XITA U JDEJH MAHMUGA BIZ-ZEJT) X'wahda din!

Michael -

X'gara?

Govann - Ix-xarrabt!.

Michael - Niezla sal-art. Qawwija gmielha.

Rosina - Mur ahsel idejk, ruhi u xxotta ftit, ghax taqbdek cmajra u tmur ghand Alla!

Govann - (IHARES LEJN ROSINA U JESKLAMA) Rosina!!

Rosina - Teresa ruhi, ejja poggi hdejja.

Teresa - (IMQITA) Le grazzi - marridx te' ghax mghandhix guh.

Govann - Minthix thossok fiha?

Teresa - Ma nistghax inhosseni ahjar!

Rosina - Niehu pjacir nisimghek tghid hekk. Inti kollox sew, Tabib?

Censu - (IMDEJJAQ) Verament jiena -

Teresa - - mhux ghal kollox - le!

Rosina - Imma ghaliex? Ghandi pasti tal-lews -

Teresa - Ghandi xihaga x'nghidilkom! (IHARSU LEJHA)

Govann - Hawn ahna! (MONICA TQUM U TKUN HIERGA)

Teresa - Monica, fejn tahseb li sejra?

Monica - (TIEQAF) Jiena bsibtli -

Teresa - Ghandi xihaga xi nghidlek.

Monica - Lili?

Teresa - Specjalment lilek!

Monica - Ma nafx ghaliex.

Teresa - Mur poggi bilqeda, trid.

Monica - Din mhix xi wahda minn -

Teresa - Poggi bilqeda ghidtlek!

(MONICA TPOGGI. IX-XITA LI KIENET MAJNAT TKOMPLI TIZDIED FIL QAWWA)

Rosina - Nispera li dak li ser tghidilna hija xihaga sabiha.

Govann - Ssssh! Iskot, Rosina.

Teresa - Xi xahrejn ilu t-tabib tieghi qalli li ma fadallix wisq zmien hajja!

(ROSINA TESKLAMA SORPRISA. GOVANN JISHOL SFURZAT. CENSU JICCAQLAQ IMKWETAT. MICHAEL IHARES MINN TERESA GHAL MONIKA U LURA. MONICA DHARES CASS QUDDIEMA. IX-XITA TNAQQAS FIL QAWWA. DAWN L-AZZJONIJIET IRIDU ISIRU FLIMKIEN)

Ghandi pjacir naghtikom l-ahbar li t-tabib issa intebah li ha zball!

Monica - Tassew?

Michael - Prosit. Ghandi pjacir hafna.

Rosina - Ghall-erwih - serrahtli mohhi!

Teresa - (TQUM) U llum ninstab aktar b'sahti minn qabel!

Govann - (MITLUF) Dawn boejjec li ma jitwemmnux!

(BERQA. SAJJETTA U TIZDIED IX-XITA)

Teresa - (LIL MONICA) Tista tnehhi dik il-harsa minn wiccek ghaliex ser nibqa riformata kif jien. Irrid nghalmek lezzjoni qarsa li meta nghid kelma bis-serjeta' trid temminni b'ghajnejk maghluqa! (TOHROG)

Govann - Jekk tibqa riformata hemm it-tama! Rosina, ghamilli kikkra te'.

Rosina - (BIT-TEAPOT F'IDA THARES LEJN IT-TIEQA)
Ara daqxejn kif inhi niezla x-xita!

(TIEQAF TFERRA F'SALT WIEHED U TKUN SER TWAGGA T-TEAPOT)

Ix-xita! (TWERZAQ) MISSIEREK!!!

(TOHROG TIGRI FIL-WAQT LI TAGHLAQ IL-PURTIRA)

<u>T M I E M   I T - T I E N I   A T T</u>

hand luggage

Torch

Suitcases

brooch

bag

envelope + letter

& money (nr chimney).

gloves

# IT-TIELED ATT.

. L-ISTESS XENA. GIMGHA WARA BIL-LEJL.

. META JIFTAH IS-SIPARJU, X-XENA HI FID-DLAM. JINSTAMA ARLOGG MINN GEWWA JDOQQ L-ERBA TA' FILGHODU. WARA PAWSA TIDHOL ROSINA LIEBSA KIMONO, PAPOCC U XAGHRA FIR-ROLLERS. TAGHLAQ IL-BIEB BIL-MOD U TIXEGHEL ID-DAWL. TMUR LEJN L-ISKRIVANIJA U MINN TAHT L-IMHADDA FUQ IS-SIGGU TOHROG IRRIVISTA TA'VICTOR. TISMA HOSS MINN GEWWA. TITFI MALAJR U TOHROG TIGRI MIL-BIEB TAL-KCINA "X". WARA PAWSA JINFETAH IL-BIEB BIL MOD U JIDHOL GOVANN LIEBES BIL-pijama. jaghlaq il-BIEB BIL MOD U JIXEGHEL ID-DAWL. MALLI JKUN SEJJER LEJN L-ISKRIVANIJA JINSTAMA HOSS FIL-KCINA U JINHASAD. WARA PAWSA JITFI D-DAWL, JIFTAH IL-BIEB U JSABTU U JIBQA JISTENNA GEWWA. ROSINA TOHROG MIL KCINA U TKUN SEJRA LEJN IL-BIEB META GOVANN JIXEGHEL ID-DAWL.

Rosina - Aima jahasra x'qatgha tajtni!

Govann - X'inti taghmel hawn isfel?

Rosina - Ma stajtx norqod allura nzilt biex insib xihaga x'naqra.

Govann - (JAHTFILA R-RIVISTA MINN IDA) Taqra din?

Rosina - Ipprovajt naqra storja fuq omicidju imma qabadni d-dardir.

Govann - Din mnejn gibta?

Rosina - Kienet ta' missierek u hassejt ghalih meta Teresa armitilu u ghidt bejnhi u bejn ruhi li ser inzomma ghax kienet tieghu

Govann - X'jigifiri KIENET tieghu. Ghadu ahux mejjet!

Rosina - Issa nafuh dan. Ilkoll hsibna li ser ihallina wara t-tixriba li ha.

Govann - Il-fatt li huwa ma mietx hija bizzejjed raguni li din terga tmur fejn kienet. (JITFAGHHA FIL BASKET) Rosina, ruhi, ma nafx x'inhu jaghtik dan lahhar.

Rosina - Ma nafx imma donnu ix-xitan qeghed jipprova jdahhal denbu bejnietnha.
(GOVANN IHARES LEJHA BIL-HLEWWA, JIFTAH IDEJH U HI TMUR FUQU U JITGHANQU) Skuzani, Govann Imma ma nafx x'inhu ghaddej minn fuqi.

Govann - Inti ruhi twajba zzejjed - dak li ghandek.

Rosina - Taf li anke ma tul il-gurnata - nohlom?

Govann - XTohlom?

Rosina - Hafna affarijiet koroh.

Govann - Minthix wahdek ghaldaqshekk.

Rosina - Lilek jigak hsiebijiet koroh ukoll?

Govann - Iva - hafna!

Rosina - Mela nahseb minhabba t-temp hazin li qeghed ikolna.

Govann - Ma nahsibx li t-temp ghandu x'jaqsam. Jien nahseb li ahna nahtu ghax ghadna ma wasalnhix biex nifmhu lilna nfusna.

Rosina - Mela jekk imhu hekk hagehra. (TAGHTIH MOHHA) Il-lejl it-tajjeb, hanini. (IBUSU U WARA TMUR HDEJN IL-BIEB U TIEQAF) Xi kulltant nahseb jekk iahix maqtugha biex inkun mara ta' imhallef!

Govann - Tinkwetax ruhek ghax forsi madduma hokk!

Rosina - Iva. (TOHROG. GOVANN IMUR LEJN L-ISKRIVANIJA U TERGA TIDHOL ROSINA HOSBIENA) X'ghidt issa?

Govann - Mur orqod, Rosina, Ruhi.

Rosina - Iva, qalbi. (TOHROG. GOVANN IPOGGI META JINSTAMA HOSS QAWWI MINN GEWWA U JQUM B'SABTA. TERGA TIDHOL ROSINA) Skuzani, Govann ruhi, imma hbadt mal-paraventu u waqajt fuqu. (TERGA TOHROG. GOVANN IPOGGI U IGHATTI WICCU. TIDHOL MONICA BIL KIMONO)

Govann - Int jonqos issa!

Monica - Smajt hoss kbir u hsibt li Terry qeghed taghmel xi wahda minn taghha. Jaqaw ma stajtx torqod?

Govann - Iddecidejt li mhemmx izjed irqad ghalija. (JIFTAH KTIEB TAL-LIGI U JQALBU)

Monica - (TMUR HDEJNH) Qeghed terga tifli dak il-ktieb tal-Ligi?

Govann - Iva, ghax ghadda hsieb minn mohhi u gejt nara il-Ligi xi tghid. (JIEQAF U JAQRA)

Monica - Ma jidhirlix li ghandek tqum f'nofs ta' lejl biex taghmel dan. Xejn mhu prattikabbli meta inti qeghed tghi x ma Terry.

Govann - Issa kuntent ghax ikkonfermajt dak li hsibt.

Monica - Imma x'gid qeghed jaghmel dan? X'sodisfazzjon qeghed tiehu billi tkun taf il-hazin ta' kollox? Jiena dan narah ghad-dannu ta' sahhtek ghax qieghed tittortura lilek in-nifsek.

Govann - (IMDEJJAQ) Xi kulltant inhobb napprezza certi forom ta' tortura li jmissu lili.

Monica - Ara. Ghax ma taccettax is-sitwazzjoni kif inhi u tahdem biex ittejjiba kif naghmel jien. Ikun ihossok ahjar jekk taghmel hekk. Kull ma trid taghmel -

Govann - Meta jmut missieri - nirrisenja u nosfor.

Monica - Ghaliex?

Govann - Niehu lil Rosina - xi oggetti ta' valur u nsiefer. Ingaghla tinsa kuljoma u nuza ismi veru - dak ta' Sciriha. Nibda hajja gdida ghal kollox anki jekk din tkun li niftah hanut tal-imluha.

Monica - Imma jahasra dan kollu hemm bzonnu?

Govann - Iva. Ghax dik inhar li jmut missieri jinkixef kollox u kullhadd ikun jaf min verament jien.

Monica - Inti qeghed tahseb hekk.

Govann - Kieku nikkonvinci ruhi li huwa kapaci jiehu hsieb tieghu in-nifsu, ma noqodx nistennih imut.

Monica - Ghala tahseb li jinkixef kollox? Terry mhix ser tikxfek. Haga bhal din ma taghmilix zgur. Naghtik il-kelma jien ghaliha.

Govann - Minhix konvint! (IQUM) Missieri ghandu l-flus!

Monica - B'daqshekk?

Govann - Il-flus t'ommi. Ma kienitx wahda li kellha xi doni specjali, imma kienet thobb l-familja. Hallietlu kollox - hamsa u sittin elf. U r-raguni li dawn il-flus ghadhom ghandu huwa l-fatt li meta wriethom kellu saqajh paralizzati.

Monica - Miskin!

Govann - Hu miskin - iva - u jien x'jien? L-inkwiet li hemm issa huwa li mghamilx testment.

Monica - X'inhu jzommu biex jaghmel wiehed?

Govann - Ghax qatt mghamel haga f'hajtu jekk hu ma kienx ser igawdi biha.

Monika - Ma tistghax tfakkru?

Govann - Wiehed irid jahsibha sewwa ghax ma jiehux pjacir b'min jissugerilu. Wisq nibza li jekk insemmilu xihaga, biex jinkini, jhalli flusu fejn jien ma nkunx nista nibbenefika minnhom, avolja qeghed niehu hsiebu ghasspejjes tieghi.

Monica - Imma int l-eredi tieghu. Jekk huwa jmut bla testment inti tirtu.

Govann - Sa ftit taz-zmien ilu hekk kont nahseb.

Monica - U ghaliex issa qeghed tahseb xort'ohra?

Govann - Ghax minhix l-eredi tieghu - jien illegittmu! Il-ligi lili ma tafnhix. Jien ma jkolli ftit li xejn drittijiet - muntanja ta' spejjes u mkwiet liema bhalu. (IPOGGI FUQ IS-SUFAN)

Monica - Allura min jirtu?

Govann - Hean bzonn tistaqsi min?

Monica - (TINTEBAGH) Terry! Le - mhux sewwa - le!

Govann - Hija martu. Dan tista tipprovah.

Monica - Imma dawn - dawn huma l-flus ta' ommok.

Govann - Naf, imma l-affari mhawda gmielha.

Monica - Dana mhux sewwa. Ma nahsibx li Terry kienet taf b'din l-eredita'.

Govann - Dazgur li kienet taf - ghalhekk giet hawn!

Monica - Le - dana ma nistghax nemmnu.

Govann - Mela ghalfejn tahseb li giet hawn - biex tiehu pjacir bil-kumpanija ta' marti?

Monica - Ma tistghax taghmel jedd ghal wirt minghajr ma turi hi min hi u int min int!

Govann - Dan huwa precizament dak li qeghed nipprova nghidlek.

Monica - Terry dan mhu ser taghmlu qatt!

Govann - Ara ruhi - jista jkun li inti n-neputija taghha, u nassigurak li l-fidi li ghandek ghal dik il-mara ser twasslek f'xifer il-genn.

Monica - (IRRABJATA) Jekk taghmel kif qeghed tghid - ghalija spiccat! Naqbad u nizzewweg lil Michael u nitlaqa tfendi ghal rasa.

Monhna - Kien imissek ilek li ghamilt hekk.

Monica - Inti qeghed tinsinwa li qeghda hawn - tistenna u tittama li dan il-povru bniedem imut?

Govann - U b'liema herqa qeghdha tistenna dan.

Monica - Ghaliex qeghed tghid hekk?

Govann - Ghalfejn hargitu fil-gnien f'maltempata liema bhala?

Monica - X'inhu?

Govann - Dan l-attentat ghamlithu bosta drabi, mhux dik inhar biss. Imbghad ghalfejn ghabbietlu dawk il-kotba tqal fuq saqajh paralizzati?

Monica - Ara x'int tghid taf'. Qeghed tallega hafna xorti li mhux minnhom. Dana jiena ma naccettahx.

Govann - Issoponejt li minthix ser temminni.

Monica - Dazgur li le u lanqas inti ma temnu dan. Hija mihix kapaci twegga lil hadd.

Govann - Tajjeb. Nistennew u naraw x'jigri.

Monica - Jigifiri li inti tahseb li hija ser tipprova taghmel attentat iehor.

Govann - Mhix mara li ccedi ghax falliet.

Monica - U sadattant inti mhu bihsiebek taghmel xejn'.

Govann - X'nista naghmel jien?

Monika - Prosit - bravu - mur obsor ghalik'.

Govann - Tajjeb - naf - tista tghidli minn kollox ghax haqqni. Lanqas jien stess ma naf x'xorta ta' annimal sirt.

Monica - Bilfors, ghax jekk inti qeghed tahseb li Terry qattiela inti daqsha gwapp - tistenna li missierek jigi eliminat. Huma nies bhalek li huma responsabbli ghal dawn il-hafna delitti li qeghdin isiru. (WAQT LI QEGHDHA TGHID DAN RESQET LEJN IL-BIEB U F'SALT WIEHED-) Ssssh'. Gej xihadd'. Ejja nwarbu'. (TITFI D-DAWL U JIDHLU MALAHR FIL KCINA.)

(IL-BIEB A JINFETAH WARA PAWSA U TITFACCA TERESA LIEBSA GHAL BARRA BL-INGWANTI, BORSA, RAINCOAT, UMBRELLA U BAGALJA ZGHIRA. TIXHEL ID-DAWL, TQIEGHED IL-BAGALJA FL-ART U HLIEF IL-BORSA TPOGGI L-AFFARIJIET L-OHRA FUQ IL-MEJDA HDEJN IT-TIEQA. TOHROG TORCA ZGHIRA MIL-BORZA, TIPPUNTAHA LEJN IT-TIEQA U TIXEGH-ELHA U TITFIHA GHAL TLITT DARBIET. TERGA TPOGGI IT-TORCA FIL-BORZA U TMUR LEJN IL-BIEB LIEHOR B, TIFTHU BIL-MOD U TISSAMMA. TERGA TGHALQU BIL-MOD U TIFTAH IL-BIEB A. FIL-BIEB HEMM CENSU LIEBES GHAL BARRA MGES-WER B'MUFFLER U BERRITTA. TERESA TMUR LEJN LI SKRIVANIJA WAQT LI CENSU JIDHOL U JAGHLAQ IL-BIEB.)

Gloves
bag
Raincoat
umbrella
luggage
Torca

Teresa - Ghatini l-flus li sarraft il-lejla mil-Bank.

Censu - Hawn ha. (JOHROG ENVELOP MIL-BUT U JAGHTIHULA.

Teresa - Kollox ghamilt minn dak li ghidtlek?

Censu - Kollox - tista s-serrah mohhok'.

Teresa - Grazzi. (TPOGGI FUQ L-ISKRIVANIJA, TOHROB PAKKETT ZGHIR TA' HAMES LIRIJIET U TESAMINA XI TNEJN MINNHOM KONTRA D-DAWL) ARA, Cens. ghandi zewg bagalji fl-indana tat-tarag - mur nizzilhomli.

Censu - Tajjeb wisq.

Teresa - Ara ma thabbathomx, fhimt - ghax Monica ghandha nasa hafif.

Censu - (IGHOLLI FTIT LEHNU) Fhimtek.

Teresa - Ssssh!

(CENSU JOHROG MIL-BIEB A FUQ PONOT SUBGHAJH U JHALLIH MIFTUH. TERESA WARA LI TGHODD IL-FLUS TERGA TPOGGIHOM FL-ENVELOP FEJN TPOGGI UKOLL LABRA MDAQSA ANTIKA LI TOHROG MINN GOL BORSA. TAGHLAQ L-ENVELOP u TMUR TPOGGIHA FUQ IC-CUMNIJA. TITFACCA RAS MONICA MIL-BIEB TAL-KCINA U TINNOTA X'INHU JSIR. TERESA TOHROG MAKTUR MIL-BORSA TONFOH IMNIEHRA FIL WAQT LI TMUR HDEJN IT-TIEQA U TPOGGI FUQ IS-SIGGU HDEJN IL-MEJDA. MALLI TPOGGI TINDUNA B'MONICA U JIBQGHU JHARSU CASS LEJN XULXIN. JIDHOL CENSU B'ZEWG BAGALJI, LA GENBA BIEX MA JARAX LIL-MONICA)

Censu - Dawn O.K. Tlaqna jew le? (TERESA MA TICCAQ-LAQX) Gralek xihaga? (META MA TIRRISPONDIHX IPOGGI L-BAGALJI FL-ART U JINDUNA B'MONICA) Issa naf x'gara! Mela ser immur nistenna fil-karozza.

Teresa - Le, tmurx, Cens.

Censu - Tajjeb. (IMUR JAGHLAQ IL-BIEB FILWAQT LI TOHROG MIL-KCINA U TIBQA DHARES CASSA LEJN TERESA. GOVANN JOHROG WARAJHA U JIBQA HDEJN IL-BIEB.)

Teresa - Ma jidhirlix li hija haga sewwa li tibqa dhares cassa lejja kif qeghed taghmel int. (MONICA TIBQA KIF INHI) Nahseb li ga fhimt x'inhu qeghed isir u jekk ghandek tghid xihaga - ghidha!

Govann - Nista nkun naf x'inthom taghmlu?

Teresa - (TQUM) Dan kien jonqosna issa!

Monica - (TGHAJJAT IDDUR FUQ GOVANN) Int ilhaq affarik! (IDDUR FUQ TERESA) U int erga poggi bilqeda. (GOVANN JINSTAMAT MENTRI TERESA, WARA PAWSA QASIRA TERGA TPOGGI) Mhemm l-ebda dubju ta dak li qeghed isir, hux veru? Ittra fuq ix-xumnija - bagalji - (TIPPONTA LEJN CENSU) - dak - inti blilbis ta' barra f'nofs ta' lejl. Kollox jurina li inti ser titlaq!

Teresa - Iva, ser nitlaq! (GOVANN JIEHU R-RUH)

Monika - Ghal kollox?

Teresa - Iva - ghal kollox - darba ghal dejjem!

Govann - Tassew?

Monica - Ma jghogbokx hawn?

Teresa - Ser nitlaq ghax inti ma dhallinhix naghmel iehor.

Monica - Me la allura jien nahti ta' kollox.

Teresa - L'ghemil stinat tieghek qeghed ikeccini. Inti resoluta li ma temminx li bdilt hajti. F'dawn lahhar gimghat jiena wrejt bi provi cari kemm jiena rriformajt. Qrajt lil nannuk il-mirakli mil-Bibbja u sahansitra ghentu jinhasel u jilbes. Gbart disa mija u tnax il-lira ghall-Inkapacitati. Dhalt fil-Cana bhala wahda mill-assistenti. Ma nafx izjed xi stajt naghmel u b'dana kollu - ghalik - qiesni mghamilt xejn. B'din l-imgieba testarda tieghek wassaltni biex nikkonferma li xejn mhu ser jipperswadik u qatt m'inti se temmen li tassew bdilt hajti.

Monica - X'izjed?

Teresa - U jekk inti dan ma temmnux minthix ser titlaqni biex tizzewweg. Dan is-sagrificcju da parti tieghek ma jiena ser nippermettih qatt!

Monica - Cirka jonqsok fuq rasek!

Govann - Issa qeghed nifhem. Allura inti ddecidejt li ser -

Monika - (IDDUR FUQU TGHAJJAT) Ga ghidtlek biex ma ddahhaltx fanniehrek fejn ma jesak, sur Sciriha! GOVANN IPOGGI MBELLAGH). Mela, dak li ghandek f'mohhok huwa - li tisparixxi darba ghal dejjem. Hekk jew le?

Teresa - Dik hija l-intenzjoni tieghi.

Monica - Dan inti qeghed taghmlu biex jiena nghid - la darba inti tlaqt mhemm l-ebda skop li issa ma nizzewwigx, Veru dan?

Teresa - Iva. Forsi flahhar tiddecidi bis-serjeta' kollha u tizzewweg.

Monica - Imbghad wara li nizzewweg int terga titfacca.

Teresa - Naturalment.

Monica - Inti tahseb li ser inhallik tghaddini bizzmien?

Teresa - Lanqas xejn. Jekk ma tizzewwigx ma tergax

-turani

Monica - Mela kif ser takkwista l-flus jekk ma tigix lura?

(GOVANN IQUM JAGHMILLHA S-SINJALI BIEX TISKOT. ~~Teresa~~ Censu LI KIEN KWAZI RAQAD IQUM INTERESSAT)

Teresa - Flus?

Censu - Xi flus huma?

Monica - Tan-nannu!

Teresa - Tabib!

Censu - Ghidli, ruhi.

Teresa - Taf x'inhi tghid?

Censu - Mghandi l-ebda jdeha.

Monica - (MISTAGBA) Tridni nifhem li int - (IDDUR FUQ GOVANN) Hares lejha - ma tidhirx li taf.

Teresa - Taf x'naf? Li ma nafx x'inti tghid!

Monica - Mghidtlekx li ma kienitx taf!

Govann - (IMHAWWAD U FERHAN) Mela allura kollox sew!

Teresa - Fuqhix ghidtlu li ma kontx naf?

Govann - Monika f'gieh Alla - minthix ser -

Monica - Ga ghidtlek biex tiskot.

Govann - (IDDISPRAT) Imma jahasra jekk ma tafx mghandekx ghalfejn tghidilha ghax tibqa hawn ma wiccna!

Monica - Ir-rispett li kelli ghalik spicca! (GOVANN QIESU MITLUF GHAL KOLLOX IPOGGI) In-Nannu ghandu hamsa u sittin elf u Mghamilx testment. Dan ifisser li meta jmut inti tirtu!

Censu - (Li jkun ser jaqa mis-siggu) X'inhu? X'ghidt?

Monica - Ara x'ser nghidlek - u ismaghni sewwa - jekk tmiss anki centesmu minn dawk il-flus ma taranix b'ghajnejk aktar.

Censu - (KWAZI MAHNUQ BL-ECCITAMENT) Inti ghidt hamsa u sittin elf - smajt sewwa?

Monica - Iva. Sewwa smajt.

(FIL-PAWSA LI SSIR, GOVANN IDDISPRAT, CENSU MBELLAGH MA JAFX X'SE JAGHMEL U TERESA SERJA IMMA LESTA BIEX TESPLODI)

Teresa - Tabib! Ghaliex ma kontx naf b'dan kollu?

Censu - Ma nafx - ma nistghax nimmagina - ma nistghax nifhem kif -

Teresa - - zlaqt! Nahseb li wasallek iz-zmien biex tirtira.

Censu - Ghadni ma nistghax naqbad kif - sitta u hamsin elf!

Monica - Skond ma qalli l-Imhallef.

Censu - Zlaqt - zlaqt bl-ikrah, imma habat tajjeb li sirna nafu issa.

Teresa - Dawn il-flus mnejn gew? Ma setghax qalaghhom.

Monika - Wiritthom minn ghand ommu.

Teresa - (TQUM U TIBDA TILBES L-INGWANTI) Ommok mnejn gibithom dawn il-flus kollha, Sur Imhallef? Rebhet xi lotterija?

Govann - Le. Wirtithom minn ghand il-genituri taghha li kellhom hafna bini.

Monica - Ghalfejn qeghed tilbez l-ingwanti?

Teresa - Qatt ma nohrog minghajrhom. Inti tafu dan.

Monica - Tista tghidli fejn sejra?

Teresa - Ma smajtx kollox? Kont prezenti.

Censu - Issa minthix ser tkompli bil-pjan tieghek.

Teresa - Dazgur li jien.

Censu - Issa mhemm l-ebda sens li turi li inti ser titlaq ghal kollox.

Teresa - U ghaliex le?

Censu - Ghax hi taf li terga lura f'qasir zmien.

Teresa - U ghaliex qeghed tahsbu dan?

Censu - Ghax ix-xih mhux ser idum biex jitlaqna. Jekk dhares lejh sewwa millewwel tinduna. Jiena dana nafu.

Govann - (DECISIV) Jekk tippermettili, tabib, ghandi ninformak li missieri mnizzel minn razza li jdumu ma jmutu. Kieku kellek tezaminah bir-reqqa kont issib li ghadu ragel b'sahtu, u jistghu jghaddu s-snin qabel jitlaqna. It-tlitt tobba li ghamlulu konsulta recentement, wara l-accident li kellu, hekk iddikjaraw.

Censu - Hu x'inhu, mghandekx ghalfejn tmur u terga tigi meta tista toqod hawn paxxuta.

Teresa - Jekk inti qeghed tahseb li minhabba l-flus il-pjani tieghi ser jinbidlu qeghed titqarraq bik innifsek. Jiena minhix wahda li nbiddel fehmti ma kull rih hazin li jghaddi.

Censu - Skuzani taf, imma ma tistghax issejjah hamsa u sittin elf, rih hazin!

Teresa - Izjed ma ntawlu lsienha aktar immorru ghal ghar. Id-decizjoni ttiehdet u bizzejjed!

Monica - Ghandi nifhem li ddecidejt definitivament li inti ser titlaq?

Teresa - Iva - Monica - sejra! (TIPPREPARA BIEX TMUR)

Monica - Tinsix li jiena dak li ghidt naghmlu.

Teresa - U jiena wkoll naghmlu dak li ghidt.

Censu - Mela kif ser tirriklama l-flus?

Teresa - Minhix ser nirriklamhom.

Censu - Imma jahasra ghaliex?

Teresa - Ghas-semplici raguni li jekk naghmel hekk ser nikxef lil dak - inwaqqalu wiccu flart-haga li tajt kelmti li ma naghmilhix taht ebda cirkostanza.

Monica - (LIL GOVANN) Qeghed tara. Dan ga ghidtulek!

Teresa - Nispera li fhimt dak li ghidt.

Govann - Iva, iva, dazgur, mela le.

Censu - Imma hemm izjed minn triq wahda biex nevitaw li isir dan.

Teresa - Dawk il-flus marridomx ghidtlek!

Censu - Hamsa u sittin elf!

Teresa - U ma nohodomx - lanqas jekk dhallasni!

Censu - Ghid li trid imma ma nistghax nifhem ghaliex.

Teresa - Ghaliex din is-sinjorina, hawn, tohodha bhala prova finali tal-lagieba qarrieqa tieghi u jiena determinata li mgaghlha temmen fija anke jekk dan joqtolni.

Censu - Incedi l-armi!

Govann - (IQUM U JMUR FUQ TERESA) Mela jiddispjacini li ser dhallina, Sinjura Buttigieg, u nifhem ghaliex inti -

Teresa - - xejn. (TAGHTIH IDA) Sahha, Sur Imhallef.

Govann - Sahha, sinjura.

Teresa - U grazzi hafna.

Govann - Il-pjacir kien tieghi.

Censu - U sitta u hamsin elf ser itiru mar-rih.

Teresa - Iva. Inqas ma tghid fuq ir-rih jew gas, ahjar!

Monika - (F'SALT WIEHED) Minthix sejra taf. Qeghed titlef il-hin tilghaba li sejra.

Teresa - Wasalt biex ~~temmiani~~ temmini flahhar?

Monica - Minhix wahda li nbiddel fehemti malajr.

Teresa - Sellili hafna ghal Rosina.

Govann - Dazgur, dazgur - bil qalb kollha!

Teresa - Tabib, gib l-affarijiet halli nmorru. (CENSU MA JICCAQLAQX)

Govann - (JAQBAD IL-BAGALJI) Halli nohrogomlok jien.

Monica - Jekk inti tahseb li ser inhallik titlaq ser jizbaljalek bl-ikrah. Imbghad minn tant niss - mieghu?

Teresa - Mela ghall-informazzjoni tieghek, ghandek tkun taf li millum il-quddiem ser niddedika ruhi ghas-salvazzjoni taz-ziju Censu.

Censu - Kif? Kif inhi din?

Govann - Prosit. Ideha tajba tassew!

Teresa - Hekk deherli jien ukoll. Issa, Monica ruhi, ejja ghidli sahha. (MONICA MA TICCAQLAQX) Tajjeb wisq. Ghamel kif jidhirlek. (TKUN SEJRA LEJN IL-BIEB META MONICA B'GIRJA TMUR TIMBLOKKAHAHULA)

Monica - Minthix sejra, ghidtlek.

Teresa - Taghmilix ta' belgha u hallini nghaddi.

Monica - Ziju Cens - inti ma tridix tmur bhali - mela ejja zommha.

(CENSU JQUM BIEX IGHID XIHAGA IMMA JERGA JIBDILU U JPOGGI)

Teresa - Monica ruhi - taqlax xenati!

Monica - Jekk tipprova twarrabni ser nibda nghajjat, inwerzaq u naghti bis-sieq.

Teresa - Sur Inhallef.

Govann - Ghidli Sinjura Buttigieg.

Teresa - Jekk jghogbok - ejja nehhili n-neputija minn quddiem il-bieb.

Govann - I va - jiena - mela le!

Monica - Jekk tersaq lejja u tipprova tmissni, inqabbad iz-ziju Cens ihebb ghalik.

(Govann IHARES LEJN TERESA U JKUN SEJJER LEJN MONICA META TINSTAMA TWERZIEQA QAWWIJA MINN GEWWA. KULLHADD JINSTAMAT U IHARSU LEJN KULXIN)

Censu - Dik x'kienet dik it-twerziqa?

(GOVANN JIFTAH IL-BIEB A LI GEWWA JKUN FID-DLAM, JIDHOL JIGRI U JHALLI IL-BIEB MIFTUH. WARA PAWSA TINSTAMA TWERZIQA OHRA U D-DAWL FLINTRATA JIXEGHEL. KULLHADD IWARRAB MIL-BIEB. TIDHOL TIGRI JOSETTE. HIHA LIEBSA KIMONO BIEX TGHATTI L-LIBSA TA' BARRA. HIJA GHANDHA Z-ZEBA F'WICCA. TMUR FIR-ROKNA TA' L-ISKRIVANIJA MBEZZA. JIDHOL GOVANN U IHARES LEJHA)

Govann - Tista tghidli x'gara - ja belgha l-int? Ghalfejn werzaqt meta rajtni?

Josette - Ghax hsibtek ir-ragel.

Govann - Ragel? X'ragel hu?

Josette - Kien hemm ragel fil-kamra hdejn l-intrata.

Govann - Din ahjar!

Josette - Kien hemm, bilwieqfa.

Govann - U x'kien qeghed jaghmel hemm?

Josette - Ma nafx - xeghel id-dawl u werwirni.

Govann - Qabel ma rajt lili?

Josette - Dazgur - ghalhekk werzaqt, ghax hsibtek ragel iehor. (GOVANN IHARES LEJN CENSU)

Censu - Toqodx dhares lejja ghax jiena nibza minn-hom il-hallelin!

Govann - Mela ikolli mmur nara jien wahdi. (JOHROG LEMBUBA MINN KEXXUN TAL-ISKRIVANIJA U JOHROG JIGRI GOL-INTRATA. MONIKA TMUR TITTAWWAL)

Josette - Kellu wiccu mghotti - kif jaghmlu l-hallelin biex ma jintgharfux - u kull ma kien jidher minn wiccu kienu par ghajnejn.

Teresa - U inti x'kont qeghdha taghmel fil-kamra ta' hdejn l-intrata, Josette?

Josette - Min? Jien?

Teresa - Fl-erba u nofs ta' filghodu?

Josette - Inzilt mixrob.

Teresa - Int soltu tieghek torqod liebsa?

Josette - Le - imma ma nhobbx noqod zdingata u x'naf jien.

Govann - (MINN GEWWA) Meta kont tifel kienu jpogguli ~~miftuh~~ [miftieh] kbir wara ghonqi.

(JIDHOL MICHAEL LIEBES BIR-RAINCOAT, IZOMM MAKTUR MIMLI DEMM MA MNIEHRU. GOVANN JIDHOL WARAJH)

Monica - Michael!

Michael - Jiddispjacini jekk tajtkom qatgha, imma kont qeghed infittex il-vit tal-ilma.

Josette - Ah, mela int kont.

Michael - Il-bieb li jaghti ghal gnien kien miftuh.

Govann - Dak dejjem maghluq ikun.

Michael - Jiena sibtu miftuh u dhalt.
(JOSETTE TURI LI QEGHDHA TINKWETA RUHA)

Monica - Ma dan kollu - int xi gralek?

Michael - Iddobbajt daqqa fuq imniehri.

Monica - U dan ghaliex?

Michael - Ma nafx!

Monica - Ejja poggi bilqeda fuq is-sufan. (IPOGGI U DDUR BIH) Itfa rasek ~~luna~~ [ikqfel]. Issa oqod ftit hekk u strih. (GOVANN IMUR JAGHLAQ IL-BIEB U IMUR HDEJN L-ISKRIVANIJA)

(JINFETAH IL-BIEB B U TITFACCA ROSINA LIEBSA BHAL QABEL U DHOQQ GHAJNEJHA)

Rosina - Sejjahtli ruhi qalbi? (TARA N-NIES MIGBURA U TISTGHAGEB) X'wahda din! X'gara?

Govann - Ma gara xejn, Rosina, u hadd ma sejjahlek!

Rosina - Mela allura kienet holma!

Monica - Dik id-daqqa kif qlajta?

Michael - Kien bniedem maghola hawn - ismar - donnu kien xi Gharbi.

Monica - Gharbi? Tassew?

Josette - (TIPPROVA TISKARTA) Ippermettili - halli mmur norqod.

Govann - Iskot, Josette, trid!

Monica - U dan l'Gharbi min hu?

Michael - Mghandi l-ebda ideha min hu.

Josette - Ippermettili -

Govann - Iskot, ghidtlek!

Michael - Kull ma naf huwa li kont bilqeda -

Monika - - bilqeda fejn?

Michael - Fil-karozza tieghi.

Monica - Ah, iva? Fil karozza -(DHARES LEJN TERESA) qeghed nibda nifhem!

Michael - U dan ir-ragel gie fuqi u staqsini jekk kontx nistenna lil xihadd. Meta ghidtlu li kont qeghed nistenna sinjura, dan sklama li jekk hija dik ix-xorta ta' sinjura li huwa jahseb li hi nista ngawdiha -

Rosina - X'wicc tost!

Michael - - u fajjarli daqqa ta' ponn fuq immiehri u sparixxa.

Monica - Sewwa! (TILLARGA MINN HDEJH)

Michael - Allura jien - (JERFA RASU) Ghalfejn ghidt "sewwa"?

MOÑICA - Ridt infisser li ghamel sewwa meta tak daqqa ta' ponn u nispera li weggak!

Michael - Skusi?

Josette - Hallini nghaddi, Sur Imhallef.

Govann - Iskot. Ma nergax nghidlek.

Michael - U xi trid tfisser b'daqshekk?

Monica - Inti qieghed fil-komplott maghhom, hux hekk?

Michael - X'komplott hu?

Monica - Li tghimu lil Terry tahrabli.

Michael - Jiena kont qeghed nghina titlaq minn fejn hi.

Monica - Kont qeghed tghinna tisparixxi.

Michael - Huda kif trid. X'ridtni naghmel fil qaghdha li minstab fiha? X'kont taghmel int?

Monica - Millum il-quddiem minhix ser nerbet fuq hadd. U nispera li mmiehrek isirlek daqshekk. (TINDIKALU. MICHAEL IGORR)

Michael - Ghamel kif trid u kif jghogbok!

Rosina - Govann, qalbi ghidli x'inhu jsir.

Govann - Xejn, ruhi, barra mis-soltu.

Rosina - Ma nistghax nifhem ghaliex kullhadd qieghed hawn isfel-dal-hin.

Govann - L-affari komplikata wisq biex nispjegahat

(MALLI GOVANN JICCAQLAQ BIEX IKELLEM LI MARTU, JOSETTE TISKARTA LEJN IL-BIEB A, IMMA TMUR FUQHA MONICA U TKELLIMHA F'WIDINTHA. DINHA B'DAK LI TGHIDILHA MONICA DHARES MISTGHAGBA LEJN MICHAEL, TKOMPLI TISMA U TIDBISSEM.)

Rosina - (INKWETATA) Naf zgur li qeghed isir xihaga li jiena ma nafx biha.

(JOSETTE TOHROB MINN A. MONIKA TMUR TPOGGI HDEJN MICHAEL META JINSTAMA TAHBIT MINN GEWWA)

Censu - (IQUM SPARAT) Dan x'inhu issa?

Govann - Qeghed ihabbat il-papa'.

Rosina - Halli mmur nara x'irid. (TOHROG)

Teresa - Issa li nahseb li ma fadalx aktar fxkiel, ser nitlaq minn hawn - jigri x'jigri.
(TERGA TIBDA TIGBOR HWEJJIGA)

Censu - Ma tistghax titlaq ghalissa.

Teresa - Ghaliex?

Censu - Trid tistenna lil-imniehru.

Michael - Tinkwetax ruhek fuq imniehri.

Teresa - Mhux ser ihalli haga bhal din tfixklu fl-imgieba tieghu - mieghi!

Michael - Dazgur li le!

Teresa - Ohrogli l-bagalji, Cens. (DANA JIBQA FEJN HU)
Jiena sejra, Monica -

Monica - (DHARES CASSA) Iva.

Govann - Halli nohroglok il-bagalji.

Censu - X'ser jigri b'dawn il-flus meta jmut missier l-Imhallef?

Teresa - X'jigifiri?

Censu - L-imhallef ma jistghax jaccetthom.

Teresa - U ghaliex dan?

Censu - Ghax ma jkunx intitolat ghalihom- dak kollu.

Govann - (IPOGGI L-BAGALJI FL-ART U JDUR FUQU)
Ghidli haga x'inti tgeswer?

Censu - Int minn ghalik li ser tirithom ghax hadd ghadu ma jaf bl-iskandlu tieghek.

Govann - Dak kollox sewwa imma -

Censu - Qeghed nghidlek ma tistghax taghmlu dan. Inti Imhallef u l-kuxxenza ma dhallikx.

Teresa - Tghidx hmerijiet trid? Dawn in-nies huma xorta bhal haddiehor u biex dan tirrehalizzah trid tara wiehed minnhom bil-pijama!

Govann - Tabib jew x'int. Jekk inti - ghal mument wiehed biss - qeghed tahseb li l-kuxxenza tieghi ser taqlaghli diffikoltahiet - kull ma nista nghidlek huwa - li l-kuxxenza tieghi ghadek ma tafhix sewwa.

(MONICA TQUM IMDEJQA. DHARES MA DWARA U TILMAH L-ITTRA FUQ IC-CUMNIJA. TMUR TAQRAHA FILWAQT LI D-DJALOGU JITKOMPLA)

Teresa - U jekk ghal xi raguni ohra jasal biex ma jaccettax il-wirt - jiena nirrinunzja ghalihom ghafavur tieghu.

Censu - U ghaliex bihsiebek taghmel dan?

Teresa - Biex naccerta ruhi li dan il-wirt jitkompla jithalla ghal min imissu. Dinha trid issir kundizzjoni. Ghandi raguni, Sur Imhallef?

Govann - Iva. Qeghed tghid sewwa.

Censu - Billi jiena minhix familjari mall-arblu tar-razza - min hu li jired l-imhalleF?

Teresa - In-neputija ta' missieru - Monica.

Censu - Almenu! (MONICA TIBDA TIBKI BLA HOSS U DDUR LEJN IC-CUMNIJA)

Michael - (IQUM) Ghiduli haga. Kien hemm bzonn li gaghltuni nisma dan kollu?

Teresa - Hekk jew hekk issa spiccajna. Ma niehrek waqaf?

Michael - (IHARES LEJN IL-MAKTUR) Hekk nahseb!

Teresa - Mela kun tant gentili u hudli dawn fil-karozza. (TAGHTIH IL-BAGALJA ZGHIRA U L-UMBRELLA)

Michael - Bil-qalb kollha. (JOHROG U GOVANN WARAJH BIL-BAGOLLI)

Teresa - Allura Monica? (MONIKA TINFEXX TIBKI U TMUR FUQA) Xi gralek, ruhi? (TOLFOQ) Hemm xihaga qeghdha tinkwetak?

Monica - Iva. (TKOMPLI TIBKI)

Teresa - (TGHANNAQA) Isa, isa, tghamilx hekk.

Monica - Din - din il-labra -

Teresa - X'fiha? (CENSU JMUR HDEJHOM KURJUS)

Monica - Qeghed nara li tassew thobbni.

Teresa - Dik haga zghira.

Censu - X'inhi haga zghira?

Monica - (TIEQAF TIBKI) Il-labbra t'ommha, ziju Cens. Hallieta ghalija.

Teresa - Ghaldaqshekk mghandekx ghalfejn tibki!

Monica - Il-qalb kollox. U ara - ghaxar liri ghal Josette - (REGA TIBKI) TAHSEB F'Kullhadd!

Teresa - Iva, iskot issa.

Monica - (TURI IL-KOMPLAMENT TAL-FLUS) U dawn - dawn kollha - ma nistghax naccettahom.

Teresa - Ghaliex?

Monica - Ghax hawn somma gmielha - ma seghetx tkun tieghek!

Teresa - (TISSERJA U TILLARGA) Eh, iva?

Censu - Mghandekx ghalfejn tiehu ghalik.

Teresa - Imma l-labbra ser taccettaha hux?

Monica - Il-labra minn dejjem nafa ghandek u naf li wiritha minn ghand ommok.

Teresa - Cens, ejja halli mmorru. Ser tghidli sahha jew le?

Monica - (TPOGGI) Kieku nghidlek sahha, kien ikun bla sens.

Teresa - Kif trid int!

(TKUN SEJRA META JIDHOL MICHAEL IRRABJAT U JMUR FUQ MONICA)

Michael - Ja qaw dana xogholok?

Monica - Le. Ghidt lil Josette taghalu.

Michael - Bhalissa ghandi aptit naghtik xeba liema bhala!

Censu - Tista tghidilna x'gara?

Michael - Nizzlitli t-tyres tal-karozza.

Censu - Erga ghonfohom.

Monica - Ma jistghax ghax mghandhux pompa.

Michael - Ahjar nitlaq minn hawn qabel naghmel wahda minn tieghi.

Monica - Fejn inti sejjer?

Michael - Ser ikolli noqod fil-karozza sakemm jisbah!

(MICHAEL JOHROG. TERESA LI QAGHTET QALBA LI SER TIDBIDDEL IS-SITWAZZJONJI TINXEHET FUQ IS-SUFAN. JIDHOL GOVANN BIL-BAGALJI MNIKKED U JITLAQHOM FL-ART)

Govann - Milli jidher ser ikolna aktar dewmin. La kollox gie bil ghawg jiena ser nitla norqod. Ghandi rasi ser tinqasam. (JOHROG)

Censu - Ejja nistrihu ftit ahna u nitilqu meta jonfohom.

Teresa - Minhix sejra issa.

Censu - Kif? Smajt sewwa?

Teresa - Ma nistghax inhabbatha maghha, Cens. Il-perseveranza taghha hjija aqwa minn tieghi. (TINFEXX TIBKI)

Monica - Ghalhekk qeghdha tibki?

Censu - Allura ser tintelaq u ccedi?

Teresa - Iva. Iva!

Censu - Ma nafekx hekk!

Teresa - Hija qalila u ghandha fehma qawwija. Jiena t-telliefa u rebhet hi - cedejt!

Monica - (TMUR TINXEHED GHARKUPTEJHA HDEJHA) Mghandekx iccedi, Terry, taht ebda cirkiestanza.

Teresa - Haga wahda biss dejjem ridt kkwista - l-hena tieghek - u int, ruhi qalbi, ccahhadili!

Monica - Le, le, mhux hekk. L-hena tieghi tkun tieghek ukoll. Nizzewweg - inweghdek - f'qasir zmien.

Teresa - Le, Monica, le. Qeghdha tghid hekk ghax qeghed tarani nibki.

Monica - Ghax qeghed tibki ser nibda nemmen fik.

Teresa - Dan ifisser li ser tibda tafdani?

Monica - Iva. Hekk ghandi fehma!

Teresa - U dan trid tipprovah billi dhallini nitlaq.

Monica - Anki wara dan kollu trid tmur?

Teresa - Iva. Irrid immur halli nara zzomx kelmtek.

Monica - Tajjeb - naccetta!

Teresa - Mela ghatini bewsa u dabbar rasek.

Monika - Indabbar rasi?

Teresa - Ibda ghix il-hajja li tishoqlok. Mur hu hsieb dak li hemm barra - f'dik il-kesha!

Monica - Michael!

Teresa - Mur u dahhlu fil-kcina u ghatih kikkra kafe' shuna.

Monica - (DBUSA U WAQT LI TOHROG TIGRI) Jiehu pjacir zgur!

Teresa - Nispera, Cens, li tghallimta l-lezzjoni fuq dak li gara.

Censu - Iva, ruhi, grazzi. (IMUR IPOGGI HDEJHA)

Teresa - Nispera li qatt ma terga tqarraq bija.

Censu - Le. Zgur li le!

Teresa - Meta jasal iz-zmien tassew, li jkolli nitlaq, inti tghidli u jiena nemmnek. Nhoss f'mod partikolari li mghandi ebda biza ta' dak li ghandu jghaddi minn fuqi. Mghandekx ideha kemm hi haga sabiha tkun twajba - imma hafna drabi nithawwad. U meta nithawwad nerga nsir bhal ma kont - bilhaqq - qeghed niftakar.

Censu - Fuqhix?

Teresa - Tiftakar dak il-guvnott argentier - dak li kien tant tajjeb biex jikkopja kollox.

Censu - Iva, niftakar.

Teresa - Kont qeghed nahseb kemm jista jkun ta' gid ghalina.

Censu - Qeghed nifmhek sewwa?

Teresa - Ghada stess naghmel appuntament mieghu -

Censu - (ECCITAT) - mall-argentir.

Teresa - Iva - u nghidlu x'irriduh jaghmel -

Censu - Iva, iva -

Teresa - Ghal dak il-progett li konnha tkellimna fuqu.

Censu - Ruhi qalbi - haqqek prosit! (IGHANNAQA FIL WAQT LI JGHALAQ IS-SIPARJU)

T M I E M

1
2.50
2.00
1.50

LM. 6.00

Raincoat
umbrella
big bag
money
brooch